NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Kunsill Nazzjonali Anzjani
1992
NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 120** **Ottubru - Diċembru 2025**



## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ LILL-ANZJANI KOLLHA FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 TA' OTTUBRU 2025

F'din l-edizzjoni...


NEWSPAPER POST

KUNSILL NAZZJONALI TA' L-ANZJANI

L-ANZJAN ILLUM

No. 1

IL-KELMA TAL-PRESIDENT

Sydney M. Dubuna

X'INHU L-KUNSILL

2

**TLETIN SENA**
**mill-ewwel ħarġa tal-magazine tal-anzjani**



# Tletin sena
# Mill-ewwel ħarġa
# tal-magazine tal-anzjani

Kif ħadd daqsna l-anzjani ma jaf, iż-żmien itir u ma jistenna lil ħadd. Kieku ma jkollokx il-provi f'idejk, lanqas temmen li diġà għaddew tletin sena minn meta l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ddeċieda li jibda joħroġ dik li, dak iż-żmien, issejħet Newsletter b'tagħrif siewi għall-anzjani, li dehret għall-ewwel darba lejn l-aħħar ta' Diċembru tal-1995.

Il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani ta' dak iż-żmien, is-Sur Sydney Barbara, kien feraħ lill-Bord Editorjali għal ħidma sfieqa tiegħu u awgura li dik id-daqsxejn ta' Newsletter tkompli toħroġ u anki tkompli tikber b'iktar tagħrif għall-anzjani tagħna. Għall-ewwel, din in-Newsletter kienet iġġib l-isem ta' L-Anzjan Illum imma, minn ftit tas-snin 'l hawn, bl-inizzjattiva tas-Sinjura Renee Laiviera, dak iż-żmien Membru tal-Kunsill, dan il-magazine inbidillu ftit ismu u sar L-Anzjani Llum, u dan biex l-isem ikun iktar inklussiv u ma jibqax jidher qisu xi magazine li jirreferi għall-anzjani maskili biss, kif kien qabel.

Matul dawn it-tletin sena, kien hemm sebgħa persuni li għamluha ta' edituri ta' dan il-magazine. L-ewwel ħarġa, dik għal Ottubru-Diċembru 1995, kien ħa ħsiebha Joseph Dimech M.D. DGM(LOND). Imbagħad, għall-għaxar ħarġiet ta' wara, l-editur kien Ronald Fiorentino M.D. DIP. GERT. L-għaxar ħarġiet li kien imiss, sa Diċembru 1998, l-editur kien Maurice Petrocochino. Warajh, daħlet Antonia (Lina) Bugeja li ħadet ħsieb teditja l-erbgħa u għoxrin ħarġa li kien imiss u damet iżżomm din il-kariga sa Ġunju tas-sena 2001. Wara Lina Buġeja, kien imiss lil Paul Muscat Terribile, li kien l-editur tat-tmien ħarġiet sa Ġunju 2007. Is-sbatax-il ħarġa li kien imiss, sa Ġunju 2009, ħa ħsiebhom Anton Cremona. Imbagħad, f'Lulju tal-2013, ra kif għamel u daħal għal din il-biċċa xogħol Vincent Piccinino u għadna sal-lum ma nistgħux neħilsu minnu; lanqas wara ħamsin-il edizzjoni!



KUNSILL NAZZJONALI TA' L-ANZJANI

NEWSPAPER POST

L-ANZJAN ILLUM

No. 1

Ottubru - Diċembru 1995

**IL-KELMA TAL-PRESIDENT**

Illum il-**Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani** fetaħ paġna oħra fl-attivitajiet tiegħu billi qed joħroġ din l-ewwel *Newsletter*. Din għandha tkun ta' ġid għall-Anzjani billi permezz tagħha l-anzjan ikun aktar infurmat b'dak li jkun għaddej fl-interess tiegħu u biex fl-istess ħin jagħraf kif jista' jieħu vantaġġ mill-benefiċċji li minnhom ikun jista' jgawdi.

Jiena nifraħ minn qalbi lill-Bord Editorjali li b'tant xogħol u interess fil-ħajja ta' l-Anzjani tagħna wasal għall-ħruġ ta' dan l-ewwel numru ta' din in-*Newsletter*. Nawgura li din in-*Newsletter* tkompli toħroġ fiż-żmien li ġej u anzi tikber fil-materjal u l-informazzjoni li permezz tagħha l-Anzjan f'pajjiżna jkun aktar infurmat dwar il-benefiċċji u d-drittijiet tiegħu kif ikunu applikati fil-pajjiż.

**Sydney M. Barbara**

**X'INHU L-KUNSILL**

Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani twaqqaf fuq l-inizzjattiva ta' l-Onor. Antoine Mifsud Bonnici, Segretarju Parlamentari għall-Anzjani skond l-Istatut li kien approvat fil-Laqgħa Ġenerali tal-Kunsill fl-1992.

L-għanijiet prinċipali huma li:

a) jippromovi d-drittijiet ta' l-Anzjani;
b) biex iħabrek għall-integrazzjoni sħiħa u parteċipazzjoni attiva tal-Anzjan fis-Soċjetà;
c) jaħdem biex dejjem tkompli titjieb il-kwalità tal-ħajja ta' l-Anzjani;
d) jorganizza jew jgħin biex ikunu organizzati programmi ta' edukazzjoni, ta' talent u rikreazzjoni għall-Anzjani;
e) iġib flimkien dawk l-organizzazzjonijiet li jagħtu xi forma ta' servizz lill-Anzjani.

Il-Kunsill, li huwa awtonomu, għandu funzjoni kunsultattiva mal-Gvern fi ħdan is-Segretarjat għall-Anzjani u jingħata mill-Gvern faċilitajiet meħtieġa u fondi neċessarji skond kif jiġi miftiehem minn sena għall-oħra.

Biex jilħaq dawn l-għanijiet il-Kunsill huwa ffurmat minn ħmistax (15)-il membru magħżula hekk:

– tliet (3) membri li jkunu uffiċjali pubbliċi li jaħdmu f'oqsma differenti konness ma' l-Anzjani;
– erba' (4) membri magħżula għall-mertu tagħhom minn fost persuni speċjalizzati jew li għandhom esperjenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Anzjani.

Dawn is-seba' membri jiġu magħżula mis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani.

– Seba' (7) membri oħra jiġu eletti mill-Assemblea Ġenerali minn fost membri nominati minn organizzazzjonijiet li jagħtu xi forma ta' servizz lill-anzjani.
– Membru (1) ieħor jiġi elett mill-Assemblea Ġenerali minn fost persuni nominati matul din il-laqgħa.

L-elezzjoni ssir kull tliet (3) snin jew skond il-ħtieġa fl-Assemblea Ġenerali li tiltaqa' kull sena.

Il-President u l-Uffiċjali l-oħra jiġu magħżula minn fost il-membri tal-Kunsill, li lkoll jagħtu servizz bla ħlas fl-operat tal-Kunsill.

**M. Jane Spiteri**

***X'HEMM ĠEWWA...***

***Messaġġi... p. 2***
***Inqawwu Ġlubna... p. 5***
***Il-Kartanzjan... p. 7***
***X'sar S'issa... p. 4***
***Hu ħsieb Saħħtek... p. 5***
***Parteċipazzjoni Internazzjonali... p. 7***
***Dati mportanti... p. 4***
***Tajjeb tkun taf... p. 6***
***Nitbissmu... p. 8***


Bħalma kien għamel il-President ta' tletin sena ilu, is-Sur Sydney Barbara, aħna nawguraw iktar tagħrif, iktar tagħlim u anki iktar qari li jagħti gost lill-qarrejja tagħna, ad multos annos.

Marica Attard Cassar
Segretarja Amministartiva
Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**‘L-ANZJANI LLUM’ huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b’dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony De Giovanni

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju u Segretarju Internazzjonali:**
Emanuel Deguara

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Andrè Vassallo Grant

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Mary Farrugia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Lino Debono
Anthony Grech
Emanuel Grima
Alfred Mallia
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**‘ L-Anzjani Llum’**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici’s Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Illum, iddeċidejt li ngħidilkom xi ħaġa fuq Milly. U le, Charl; fejn sejjer b’rasek? Għalxejn qed tidħaq. Naċċertak li Milly mhijiex xi *old flame* li kelli meta kont għadni narmi d-duħħan minn kullimkien!

Mela, x’kont qed ngħid? Milly tħobbni! Lanqas tilħaq tarani li ma tiġix tiġri lejja, kważi titla’ fuqi, tiggranfa miegħi u tarma tbusni f’għonqi, wara widnejja u fejn jiġi. Ara! Ser jerġa’ jidħaq l-iblah! Naf x’int taħseb ta! Int qed taħseb li Milly hija xi fergħa matrimonjali tiegħi *on the side*, hux hekk? Nassigurak li sejjer imqarraq! Issa tara!

Inkompli! Milly tħobb it-tmellis! Ittiha tort? Min ma jħobbux it-tmellis? Il-gost u l-pjaċir tagħha meta ndaħħal is-swaba’ ta’ jdejja ġo xagħarha u noqgħod immelsilha rasha u fuq wara ta’ għonqa. Afli int *one track mind*, tafx, Charl! Nerġa’ ngħidlek, għandek żball! Anzi, ara, ħa naqtgħuha fil-qasir darba għal dejjem! Milly hija l-kelba fidila, *Cavalier, King Charles* tat-tifla tiegħi, Christine. Kuntent issa? Fuq dik qed nitkellem! Dik Milly!

Naħseb li issa nista’ nkompli mingħajr iktar interuzzjonijiet banali, hux hekk! Kont qed ngħid; Milly dejjem fidila u leali; tagħmlilha x’tagħmlilha. Ma tiħux għaliha bix-xejn, kif nagħmlu aħna l-bnedmin. Jekk tonqosha f’xi ħaġa, ma tagħmilx xi ġimgħa bil-geddum, ma tkellmekx, ma tmissx miegħek fis-sodda u l-ħin kollu tħarislek bl-ikrah. Tibqa’ xorta waħda tiġi tiġri tifrah bik kull darba li tarak, titla’ fuqek, tiggranfa miegħek u ma tieqafx tbus.

Milly hija sensittiva ħafna wkoll. Taf min iħobbha u taf min m’għandux grazzja magħha. Mhux hekk biss imma Milly tkun taf ferm aktar milli jkunu jafu n-nies meta int tħossok tajjeb u ferħan kif ukoll meta tkun tħossok ma tiflaħx, imdejjaq jew inkwetat fuq xi ħaġa. U, f’ċirkustanzi bħal dawn, Milly iġġib ruħha b’modi differenti wkoll. Pereżempju, meta int ma tkunx tħossok tajjeb, araha tiġi ħdejk, titla’ fuqek, tagħmel rasha f’ħoġrok imma ma tippretendi xejn mingħandek. Donnha li kulma tkun trid hu li tkunlek ta’ wens biss, u xejn iżjed. Anki għajnejha juruk li hi wkoll qalbha sewda; bħalek; donnha biex tissimpatizza u tidentifika ruħha miegħek f’mumenti bħal dawn! Tgħiduli xejn, bil-qabda aħjar minn nies Milly! Il-kliem biss jonqosha!

Milly għandha qalb tad-deheb ukoll! Ma żżommx f’qalbha bħalma, sfortunatament, jagħmlu ħafna; ma tafx b’mibgħeda; mhux ser tumbrak jew taħlef li tpattihielek b’xi mod jew ieħor jekk tinsielha l-*birthday* jew l-anniversarju. Lanqas jekk ma tix-trilhiex fjuri f’Jum San Valentinu. Milly m’hawnx bħalha! Qatt ma tikkuntrarjak jew tgħajrek b’li għandek u b’li m’għandekx jew tinsulentak, tmaqdrek jew iżżebilħek, anki għal xejn b’xejn. Għalhekk inħobbha jien lil Milly u ma nibdilha ma’ xejn. Issa,wara li smajtu dan kollu, għiduli intom, kif nista’ ma nħobbhiex lil Milly jien?

Int għadek mhux konvint hux Charl? Għadek temmen li Milly hija xi tfajla ta’ tmintax-il sena li ġġennet għal warajja, hux veru? Mhux li kien hekk, jaħasra!

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Inqabblu l-metodi tal-kalkolu tal-pensjoni bejn min twieled qabel l-1962 u dawk ta' wara l-1962

***Kitba ta' Emanuel Deguara***



Illum, ser nagħmlu iżjed kalkoli. Għalkemm il-kalkoli forsi jdejjqu lil xi wħud, naf li dawn jinteressaw lil ħafna; kemm jekk huma pensjonanti kif ukoll jekk għadhom qedin jikkontribwixxu biex, 'il quddiem, ikollhom il-pensjoni tagħhom.

Għal-lum, ser nittrattaw biss dwar il-medja tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex wieħed jiġi intitolat għal żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli tiegħu.

Jingħad li, min twieled qabel is-sena 1962, għandu bżonn 35 sena bolol (kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) biex ikollu żewġ terzi u, min twieled mis-sena 1962 'l hawn, ikollu bżonn 40 sena bolol. Dan huwa minnu imma huwa importanti li wieħed jiftakar kif isiru l-kalkoli għal dawk ta' qabel u dawk ta' wara l-1962. Fil-ħarġiet ta' qabel, spjegajt kif jinħadmu ż-żewġ kalkoli imma, biex wieħed jifhem aħjar, ejja nerġgħu niftakru ftit permezz ta' eżempji.

Nibdew bil-metodu għal dawk li twieldu qabel is-sena 1962, li għandhom bżonn 35 sena bolol. Li ħafna ma jafux huwa li, dawk il-35 sena, fihom kundizzjoni u huwa ferm importanti li din il-kundizzjoni fil-kalkolu tkun magħrufa sew. Din il-kundizzjoni hija li dawn il-35 sena jridu jinkludu l-aħħar għaxar snin ta' qabel is-sena li fiha wieħed ikun ser jieħu il-pensjoni u li dawn ikunu kollha imħallsin, kif ukoll li l-25 sena l-oħra ikunu fis-snin ta' qabel dawk l-aħħar għaxar snin. Jiġu kkalkolati żewġ medji; waħda tal-aħħar 10 snin u l-oħra tal-25 sena li jibqa'. Il-medja finali tkun il-medja ta' dawk iż-żewġ medji. Ir-riżultat irid ikun iżjed minn 50 biex tibbenefika minn żewġ terzi. Jekk ir-riżultat ikun inqas minn 50, tibbenefika minn pro-rata maħduma bir-riżultat diviż b'50 u mmultiplikat biż-żewġ terzi.

Eżempju: Persuna tkun ħallset 35 sena bolol bl-eżatt u kellha l-aħħar 10 snin kollha imħallsin. Il-kalkolu huwa l-aħħar 10 snin li fihom 522-il kontribuzzjoni diviżi b'10 snin: 522/10 = 52.2. U l-25 sena ta' qabel li fihom 1303 diviżi b'25 sena: 1303/25 = 52.12. Il-medja finali tiġi (52.2+52.12)/2 jiġifieri 52.16. Ir-riżultat huwa iżjed minn 50 u, għaldaqstant, din il-persuna tibbenefika minn żewġ terzi tad-dħul pensjonabbli.

Eżempju ieħor: Persuna li wkoll twieldet qabel is-sena 1962 imma li ma kellhiex l-aħħar 10 snin ta' kontribuzzjonijiet kollha għax, ftit qabel irtirat, kellha tieqaf qabel l-eta' pensjonabbli għal diversi raġunijiet. Kellha mħallsin 468 bolla fl-aħħar 10 snin. Mela, il-medja tal-aħħar 10 snin tiġi: 468/10 = 46.80. Fil-25 sena ta' qabel, kellha 1304 kontribuzzjonijiet imħallsin. Mela, il-medja tiġi 1304/25 = 52.16. Il-medja finali hija: (46.80 + 52.16)/2 = 49.48 u, peress li 49.48 huwa inqas minn 50, din il-persuna ser ikollha pensjoni ta' żewġ terzi ridotta pro rata, jiġifieri, 2/3 x 49.48/50. F'dan il-każ, il-liġi tipprovdi li jinħadimlek kalkolu ieħor b'metodu differenti billi tgħodd il-kontribuzzjonijiet kollha bejn l-eta' ta' tmintax-il sena sas-sena ta' qabel persuna tirtira. Minn tmintax-il sena sal-età ta' 64 sena, hemm 46 sena. Jekk, ngħidu aħna, din il-persuna jkollha mħallsin 1820 kontribuzzjoni (jiġifieri, 35 sena bolol) dawn jiġu diviżi b'46: jiġifieri, 1820/46 = 39.56. Dan xorta waħda jirriżulta inqas minn 50 u, allura, f'pensjoni ridotta. Anzi, f'dan il-każ, din hija pensjoni iktar ridotta minn ta' qabel. F'każ bħal dan, jittieħed l-aktar kalkolu li huwa ta' vantaġġ għal dik il-persuna, jiġifieri, pensjoni ridotta ta' 2/3 x 49.49/50.

Kif jidher mit-tieni eżempju, min twieled qabel is-sena 1962 u kellu 35 sena bolol imħallsin imma ma kellux l-aħħar 10 snin sħaħ, jista' jkun li ma jibbenfikax minn pensjoni sħiħa ta' żewġt terzi.



Issa, ejjew ngħaddu għal kalkolu ta' dawk li twieldu wara s-sena 1962. Dawn għandhom kalkolu wieħed possibbli, fejn m'hemmx distinzjoni bejn l-aħħar 10 snin u s-snin ta' qabel u dan isir hekk: jittieħdu l-bolol tal-aħjar 40 sena fil-perijodu bejn it-tmintax-il sena sas-sena ta' qabel l-irtirar u dawn jiġu diviżi b'40 sena. Innutaw li, għalkemm hemm 46 sena bejn l-eta' ta' 18 sal-eta' ta' 64, xorta l-bolol jiddividu ruhhom b'40 sena u mhux b'46 sena. Riżultat: 2084/40 = 52.10 li jfisser pensjoni sħiħa ta' żewġ terzi.
Wara li ħdimna żewġ eżempji prattiċi ta' persuni li twieldu qabel is-sena 1962 u eżempju ieħor ta' persuna li twieldet wara l-1962, ejja ngħamlu xi osservazzjonijiet:

1 Huwa ferm importanti għal min twieled qabel is-sena 1962 li jkollu l-aħħar 10 snin sħaħ biex ikun iżjed fiż-żgur li ma jkollux pensjoni ridotta.

Bil-liġi ta' qabel ir-riforma tas-sena 2005, il-leġislatur kellu l-għan li jippromwovi d-dinja tax-xogħol u, għaldaqstant, kien qed iħajjar lill-ħaddiem biex, matul il-karriera tiegħu, ikompli jagħmel l-almu tiegħu biex ikollu kundizzjonijiet tax-xogħol u grad aħjar billi jtejjeb il-paga tiegħu li, wara, tgħinu jkollu pensjoni ogħla. Anke l-fatt li jintagħżlu l-aħjar tlett snin pagi konsekuttivi mill-aħħar għaxar snin kienet inċentiv biex il-ħaddiem jibqa' jikkontribwixxi sal-eta' pensjonabbli tiegħu u jispiċċa l-karriera tiegħu bħala anzjan attiv.

2 Dawk li twieldu mis-sena 1962 'il quddiem m'għandhomx restrizzjonijiet jekk jibqgħux jikkontribwixxu sal-aħħar jew le qabel l-età pensjonabbli tagħhom għax kull sena kontribuzzjoni hija meqjusa l-istess bħal kull sena oħra matul ħajjithom. Għaldaqstant, ladarba jkunu għaqqdu erbgħin sena kontribuzzjonijiet sħaħ matul il-karriera tagħhom bejn is-sena li fiha għalqu t-tmintax-il sena sas-sena ta' qabel ikunu ser jirtiraw (43 sena għal min ikun ser jirtira ta' 61 sa 47 sena għal min jirtira ta' 65) ikollhom rashom mistrieħa li mhux ser ikollhom pensjoni ridotta. Fil-fatt, qed ikun hemm ħafna każi fejn persuna jkollha diġà 40 sena bolol imħallsin anki sa mill-età ta' 59 sena u tagħżel li tagħmel sentejn ma taħdimx sakemm tieħu l-pensjoni ta' 61 sena. Jista' jkun hemm ħafna raġunijiet biex wieħed jagħmel din l-għażla, fosthom, sempliċiment biex igawdi ħajja bla rbit tax-xogħol jew għax ikun imdejjaq jew għax għejja jaħdem jew għax jiddeċiedi li jieqaf ħalli jgħix ħajja bla xkiel u anki jagħmel xi safra fit-tul jew biex ikun jista' jieħu ħsieb aħjar lil xi ġenitur jew qarib tiegħu jew tagħha.

Barra l-osservazzjonijiet tiegħi hawn fuq, kulħadd jista' jagħmel l-osservazzjonijiet u konklużjonijiet tiegħu imma, qabel nagħlaq, irrid u nħoss li huwa relevanti li, ma' dak li għedna hawn fuq, infakkar f'miżura li tippromwovi u tinċentiva persuna biex tibqa' taħdem sal-età tal-pensjoni statuturja u din tgħodd kemm għal dawk li twieldu qabel u anki wara s-sena 1962:

- Min ikollu biżżejjed kontribuzzjonijiet biex jirtira ta' 61 imma jagħżel li jipposponi b'sena u jieħu l-pensjoni ta' 62 sena, jibbenefika minn 6.5% żieda fir-rata tal-pensjoni tiegħu.
- Min jipposponi b'sentejn, ikun intitolat għal żieda ta' 13.5%.
- Min jipposponi bi tliet snin, ikun intitolat għal żieda addizzjonali ta' 21%.
- Min jipposponi l-pensjoni b'erba' snin, iż-żieda addizzjonali hija ta' 29%.

Ħbieb, għal lum nieqfu hawn u nawguralkom it-tmiem tas-sajf u bidu tal-ħarifa mill isbaħ u fuq kollox saħħa u sliem.



# Limerikk

***Vincent Piccinino***

Kien hemm ċertu Lonzu Sammut
Li kien naqra waħda skadut.
M'ilux, ġo ħanut
Kiel il-ħut kollu dud
Għax qal: "Hekk jew b'hekk, jien sa mmut!"

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*
### tal-Professur Oliver Friggieri

# L-ewwel kitba tat-tfulija




Hemm għażliet li jsiru meta persuna tkun għadha żgħira u li, maż-żmien, isiru l-istess ħajja ta' dik il-persuna. Huma għażliet li donnhom mhumiex għażliet iżda passi istintivi, naturali, meħudin mingħajr ma tingħad il-kelma "iva" għalihom xi darba. Jgħaddi ż-żmien u dawn il-passi jkunu ddeterminaw kollox weħidhom għall-ġejjieni kollu. Miniex ċert kemm huwa għaqli li l-umanità tieħu ċerti deċiżjonijiet fis-snin bikrija taż-żgħożija, meta mbagħad ħafna sforzi oħra taż-żgħożija jkollhom jitqiesu bħala nieqsa mill-esperjenza, bikrija u mgħaġġlin wisq jew żbaljati. Imma n-natura, minnha nnifisha, tagħmilna nisa u rġiel diġà meta għandna ftit aktar minn għaxar snin, waqt li l-kultura, imbagħad, iġġegħelna, bħallikieku, nitnikkru biex nidħlu fid-dinja tal-adulti. Xorta waħda, inkunu kemm inkunu kbirna, f'żgħożitna, meta naslu biex nieħdu deċiżjoni dejjiema, aħna dejjem żgħar u, 'il quddiem, moħħna sikwit jirrevedi l-kuntratti u r-rabtiet tagħna. L-adult iħares lura lejn iż-żagħżugħ u jwiddbu jew jikkundannah jew jifraħlu. Hemm nintebħu li l-ħajja hija sensiela ta' qagħdiet psikoloġiċi li jkollna ngħaddu minnhom u msieken aħna jekk ma nimxux fuq il-ħabel bil-ħila tal-akrobata.

Pinna, lapes, karta u gomma

L-għażla tal-kitba, jekk għażla nista' nsejħilha, għamiltha madwar l-1958 meta kelli ħdax-il sena. Kont nintasab mal-mejda u nifrex quddiemi pitazz tar-rigi wesgħin. Kien iż-żmien meta kont nifraħ nara tipi differenti ta' karta, jew il-lapes ittemprat tajjeb bix-xafra, jew il-pinna u l-karta saħħara u l-gomma u r-riga. Dawn l-affarijiet komuni kellhom seħer fuqi.

Siegħat sħaħ għaddejt matul il-jiem ta' tfuliti msammar mas-siġġu isfar tal-injam tas-sett tal-kamra tal-pranzu li, sikwit, kien joħroġ minnu musmar irqiq u jniggiżni u kien ikolli mmur inġib martell u nsammru bla ma tinduna ommi għax dak kien wieħed mis-siġġijiet tad-dota tagħha. Inħares fil-vojt, ingiddem il-lapes jew il-pinna li kont ingħatajt bħala rigal xi darba, inserraħ rasi fuq idejja t-tnejn miftuħin bħal żewġ kolonni taħt wiċċi u nistenna u nistenna li jiġini l-ħsieb, il-kliem u nikteb. Kelli diġà ħjiel tal-metrika u, l-iżjed, tal-versi tat-tmienja, tad-disgħa, tal-għaxra u tal-ħdax li, maż-żmien, sar il-vers favorit tiegħi. Ngħodd is-sillabi bis-swaba' ta' id waħda miftuħa beraħ fuq wiċċ il-mejda u ntanbar bil-ponot tas-swaba' biex nisma' l-ħoss, daqqa fuq sidri (kif għadni nagħmel sal-lum) u daqqa fuq il-mejda, sakemm nara li l-vers hu mqassam sewwa skont is-sillabi bl-aċċenti u mingħajr aċċenti. Dan ix-xogħol swieli ta' ġid kbir sa minn kmieni biex tħarriġt ħafna u fit-tul fil-metrika sakemm, maż-żmien, kont wasalt noħloq il-mewġa ritmika tal-vers billi nirreċitaha b'leħen ftit għoli, mingħajr il-ħtieġa li ntanbar aktar. Kont nikteb l-aktar l-istrofi ta' erba' versi bir-rima bejn it-tieni u r-raba' vers.

L-ewwel temi li laqtuni kienu reliġjużi: Alla, il-Madonna, il-qaddisin, il-Knisja, il-festi. Kien jolqotni ħsieb jew sentiment u kont immur dritt fuq il-mejda u nikteb. Imbagħad, naqra u nerġa' naqra kulma ktibt, nirrevedi fejn meħtieġ, inbiddel u nirranġa u nagħmel kopja pulita u lesta. Kont nikteb mingħajr ma nieqaf u kull poeżija kienet iġġibli magħha hena liema bħalha. Il-biċċa l-kbira, kont inżommhom għalija u kont inħossni imbarazzat jekk kienu jaqgħu taħt għajnejn missieri li, naturalment, ma damx ma sar jaf li, għalija, il-poeżija kienet diġà ħaġa tal-akbar importanza. Kien jisħaq miegħi li nistudja u li ma nitlifx l-attenzjoni minn fuq il-kotba; kien ifakkarni fl-eżamijiet. Imma qatt ma wissieni biex nieqaf mill-poeżija u, maż-żmien, beda jurini interess kbir fiha.

Aktarx li, fl-1958, bdejt b'versi fuq il-Milied imma, sentejn wara, ktibt xi strofi aħjar fuq it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu u rbaħt il-premju f'kompetizzjoni fil-programm tat-tfal tan-Nannu Pepp (kif kien isejjaħ lilu nnifsu l-preżentatur) fuq ir-*Rediffusion*. Kien programm imfittex ħafna mit-tfal kull għaxija jew kważi. Kont nikteb il-versi matul il-lezzjonijiet tal-iskola u, meta kont ninduna li l-għalliem kien wasal biex jinnotani, kont infittex indaħħal kollox ġewwa jew ngħatti l-karti taħt karti jew kotba oħrajn u noqgħod attent għal-lezzjoni waqt li moħħi jkompli jhewden fuq il-versi li kien għad jonqosni nikteb.

Meta qaddes *Father* Joe Bugeja, fis-7 t'April 1962, ktibtlu poeżija li xxandret ftit qabel f'Leħen is-Sewwa. Għamilt żmien twil ngħin lil *Fr.* Joe bil-kitba fil-paġna tiegħu għat-tfal. Inqis li l-Leħen kien sewa ta' għajnuna kbira għalija biex inxandar l-isforzi bikrija tiegħi. Kont inxandar il-versi wkoll 'f*The Merry Youth*, f'Il-Berqa, f'Xehda Għasel, f'Il-Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù, Il-Ħaddiem, Il-Furjana, Il-Qawmien, Il-Ħajja, fiċ-*Children's Own* u oħrajn. L-interess qawwi fil-poeżija baqa' jikber miegħi sa fil-klassi tal-iskola sekondarja tas-Seminarju. Kont insib għaxqa kbira matul il-lezzjonijiet tal-letteratura, bħalma huma l-letteratura Ingliża, Taljana, Griega u Latina, li konna nistudjaw. Hekk, bħal sħabi kollha, stajt insir midħla ta' għadd ta› poeti: ir-romantiċi

Ingliżi u, fuq kulħadd *Keats* u *Shelley*, li t-tnejn bqajt inqimhom b'qalbi kollha dejjem. Anki *Giovanni Pascoli* u *Leopardi*, imfissra bil-għaqal minn Dr. Ġorġ Zammit li kien jiddeklama l-versi u mbagħad jitkellem fuqhom b'emozzjoni kbira. Zammit kien jitħasseb li *Leopardi* seta' jinfluwenzana żżejjed bil-pessimiżmu tiegħu; fiċ-ċokon tiegħi, żagħżugħ għatxan għall-għarfien ta' kulma hu letterarju u, fuq kollox, poetiku, ċerti sentimenti malinkoniċi tiegħu kont inħosshom diġà jien ukoll jien u nħares madwari u nistaqsi għaliex. Għalhekk, wara li jfissrilna xi poeżija bħal *A Silvia* jew *La sera del di' di festa* jew *Il tramonto della luna* jew, fuq kollox, *La ginestra*, Ġorġ Zammit, b'qalb ta' poeta differenti u b'sens ta' missier ukoll, kien ifittex li jbiddel id-diskors, jibdel l-atmosera tal-klassi u jgħidilna xi ċajta. Maż-żmien, madankollu, kelli nintebaħ waħdi kemm hemm diqa fil-poeżija tiegħu stess; diqa ta' Nisrani li jħoss ħafna bħala poeta u li jweġġa' quddiem kull xorta ta' tbatija. Maż-żmien, fhimt ukoll kemm hemm  serjetà taħt il-qoxra tal-karattri komiċi tiegħu, Wenzu u Roż.

# Il-Malti ħafif rixa



***Kitba ta' Anthony Cardona, B.A. M.A. S.Th.D.***

**Fejn se npoġġi dik l-imbierka GĦ?**

Tiftakruhom il-ħamsinijiet u s-sittinijiet? Kemm konna niġru hux meta konna tfal! Ilventi, ħfief u ferħanin u, fuq kollox, moħħ ir-riħ. Dejjem nilagħbu barra mal-ħbieb u mal-ġirien - *cat*, noli, passju, il-ħabel, ix-xixu, ħarba, boċċi, żibeġ u ħafna logħob ieħor. F'logħba minnhom, konna naqtgħu għal min jiġi biha u konna ngħattulu għajnejh waqt li ngħidu, 'Ara ġejja l-mewt għalik, biex taqlik, biex tixwik, ara ġejja, ara waslet, din id-daqqa min tahielek?' Imbagħad, t'għajnejh mgħottijin,irid jaqta' min ikun tah id-daqqa u, jekk ma jaqtax, jaqla' l-kastig! Kemm konna niġru bir-roti għax kien hemm ħafna spazji miftuħin fejn ma kinux jgħaddu ħafna karozzi, bħal-lum, u kien hemm ħafna għelieqi ma' kullimkien u konna, jew nilagħbu l-futbol, jew ħarba u erħina niġru wara xulxin. Dak kien żmien!

Imbagħad xi ngħidu għall-iskola u dak l-imbierek *homework*! Niftakarni fil-primarja fil-lezzjoni tal-Malti qatt ma stajt nifhem li, fil-Malti, hemm ħafna regoli li jiggwidawk fejn tpoġġi l-għ fil-kliem li jeħtiġuh. Min jgħidlek mod u min ieħor. Imma, fl-aħħar, xi ħadd għallimhieli u baqgħet ġo moħħi! Mela, ejjew niċċarawha din għax għad hawn min għadu sal-lum jgħidlek li l-Malti ma jaħmlux għax ma jafx kif jikteb kliem li fihom l-għ. Illum, ser nibda billi nitkellem fuq il-verbi tal-ewwel forma. Dawn huma l-iktar verbi faċli bħal: kiser, seraq, ħabat, lagħab u bagħat. Fejn jidħlu l-verbi li fihom għ fin-nofs, dejjem qabbilhom mal-mudell SeRaQ. Allura, verbi bħal: LaGĦaB, XeGĦeL u BaGĦaT jinkitbu bħal SeRaQ  anki meta jiġu kkonjugati, bħalma naraw f'dawn l-eżempji:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| SeRaQ | SRaQT | JiSiRQu | SeRQeT | NiSRaQ |
| LaGĦaB | LGĦaBT | JiLaGĦBu | LaGĦBeT | NiLGĦaB |
| XeGĦeL | XGĦeLT | JiXeGĦLu | XeGĦLeT | NiXGĦeL |
| BaGĦaT | BGĦaTT | JiBaGĦTu | BaGĦTeT | NiBGĦaT |

Indunajtu li, kull fejn tiġi l-R tiġi l-GĦ? Din ir-regola tapplika anki meta nżidu s-suffissi mal-verb. Pereżempju, seraqha - lagħabha, xegħelha u  bagħatha. Sraqthom  -  lgħabthom, xgħelthom u bgħatthom. Kieku taqbad kull kelma u tpoġġi l-ittri f'garżelli, joqogħdu preċiż taħt xulxin. Il-Malti fih ħafna forom bħal dawn li jgħinuk biex tagħraf fejn għandek tpoġġi dik l-imbierka GĦ. Għalhekk, la tikteb: sraqnihielha, mela, allura, lgħabnihielha, xgħelnihielha u bgħatnihielha u, la tikteb serquhielna, allura għandek tikteb lagħbuhielna, xegħluhielna u bagħtuhielna. Għal-lum, aħjar daqshekk ħalli ma nħawdilkomx moħħkom. Ipprattikaw naqra din ir-regola u darb'oħra nkompli nispjega fuq forom oħrajn li fihom l-għ. Araw dawn is-sentenzi li ġejjin, bħala eżempju:

L-ittra bgħatthielha Pawl? Le għadni ma bgħatthiex. Issa nibagħtuhielha għada!

Tridx immorru nilagħbu fl-għalqa Ton? Ma nistax nilgħab għax għandi sieqi tuġagħni. Mela kien hemm xi ħadd li lagħablek xi daqqa ta' sieq?

Ixegħlu naqra! M'iniex qed nara bid-dlam li hawn! Ħa nixgħel ix-xemgħa għax m'hawnx dawl. Imbagħad nixegħlu meta jiġi d-dawl.

Ibqgħu qabblu dawn il-verbi mal-mudell SeRaq u, jekk jista' jkun, ipprattikawhom kuljum sakemm tibdew tiktbuhom tajjeb mill-memorja. Ibqgħu ċerti li, wara ftit taż-żmien, din ir-regola ssir parti minnek. Qed taraw kif qatt m'hu tard biex titgħallem!

# Anġelo Pace – kompożitur tal-marċi Maltin

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***



Angelo Pace, huwa l-kompożitur tal-marċi Maltin b'melodiji sbieħ li tassew ipaxxu l-qalb u jpaxxu l-widna. Hekk stqarr darba miegħi missieri, Karmenu, u issa, li kbirt, ngħid kemm kellu raġun. Illum, li napprezza aktar il-mużika, ngħid mingħajr tlaqliq ta' xejn li l-marċi tas-Surmast Angelo Pace huma marċi sbieħ, b'armonija preċiża u b'melodiji waħda żżejjen lill-oħra.

Wieħed mill-isbaħ marci ta' Pace huwa *Blossom Time*. Kien missieri li ġibidli l-attenzjoni għal dan il-marċ wara li kien indaqq mill-Banda La Valette; verament, saħħarni u għadu jogħġobni sal-lum, kemm mużikalment kif ukoll għax idaħħalni f'mumenti ta' nostalġija. Imma, jekk wieħed janalizza sewwa l-marċi ta' Angelo Pace, isib oħrajn ta' importanza, fosthom, *Festival*, li ntgħażel mill-*BBC* biex jindaqq fil-programm, *London Calling* waqt iż-żjara tar-Reġina Eliżabetta f'Malta fis-sena 1954, u l-marċ, *The Merry Monarch*, li kien ippremjat bit-tieni post f'kompetizzjoni nazzjonali għall-aħjar marċ għall-Karnival tal-1959.

Angelo Pace twieled fl-20 ta' Marzu tas-sena 1920. Kont nafu personalment għax għamilna snin flimkien fil-Kunsill tal-Għaqda tal-Kompożituri u Awturi Maltin li, dak iż-żmien, kienet immexxija minn F.X.Pisani, b'Angelo Pace bħala Teżorier. Fil-fatt, kont niltaqa' regolarment miegħu. Magħna, kien hemm Joseph M. Barbara li wkoll kien jikkomponi l-marċi tal-festa. M'hemmx għalfejn ngħidilkom, is-suġġett dejjem kien jaqa' fuq il-baned u fuq il-marċi.

Lil Angelo Pace niftakru wkoll Surmast Direttur tal-Banda, *La Stella*, tal-Gudja. Fil-fatt, is-Surmast Pace għamel tnejn u ħamsin sena Direttur ta' din il-banda, rekord nazzjonali, naħseb. Kien ukoll Surmast Direttur tal-baned, *La Stella* tar-Rabat, Għawdex u ta' *Maria Mater Gratiae* ta' Ħaż-Żabbar. Barra minn hekk, kien jidderieġi u jieħu ħsieb il-*Chorus Excelsior* ta' Ħal Luqa.

Is-Surmast Pace kellu ħafna għal qalbu lil raħal twelidu, il-Gudja. Għal dan il-lokal żgħir imma sabiħ u bi storja kbira, wara konkors imniedi mill-Kunsill Ċiviku, kiteb il-versi u



*Dan ir-ritratt ittieħed minn Raymond Cremona fl-1969. Mix-xellug għal-lemin, jidhru, Louis Bongailas, Angelo Pace, Paul Schembri, is-Surmast Direttur tal-King's Own il-Maġġur Anthony Aquilina, is-Surmast Vincenzo Ciappara, jien Peter Paul Ciantar u Angelo Pullicino*

kkompona l-mużika tal-Innu Uffiċjali tal-Gudja. Waqqaf ukoll il-Kor Parrokkjali fi ħdan il-parroċċa biex ikun jista' jaqdi s-servizzi liturġici matul is-sena. Dan il-kor għadu attiv fir-raħal tal-Gudja. Barra dan, kien ukoll l-organista tal-parroċċa. Beda ta' għaxar snin, meta kien abbati fil-Knisja Parrokkjali. Minn hemm, beda juri t-talenti mużikali tiegħu bid-daqq tal-orgni u baqa' joffri dan is-servizz għal aktar minn sebgħin sena.

Niftakar tajjeb meta kont nirrekordja l-marċi tal-baned u, meta kien imiss ir-*recording* tal-Banda, *La Stella* tal-Gudja, kont ngħid: "Mela llum għandi xalata ta' marċi tas-Surmast Angelo Pace!" Għax, fil-fatt, il-librett tal-marċi ta' dik il-banda kien kollu, jew kważi kollu, marċi ta' Angelo Pace, b'marċi wieħed isbaħ mill-ieħor. Anki meta kien hu s-surmast ta' dik il-banda, għamel l-aħjar tiegħu biex jintroduċi repertorju differenti. Fil-fatt, Pace għamel ukoll arranġamenti mużikali tajbin ħafna ta' valzi, polki u mużika ferrieħa oħra ħalli, b'hekk, jiġbed aktar interess lejn il-banda Maltija.

Lejn l-aħħar tas-snin sittin u l-bidu tas-snin sebgħin, kull sena kont niltaqa' miegħu fil-Każin tal-Banda, *King's Own* tal-Belt waqt ir-*recording* tal-marċi għar-*Rediffusion* għax, anki fil-librett ta' marċi ġodda tal-*King's Own*, Pace kien jintalab jikkomponi wieħed għall-Festa ta' San Duminku. Dak iż-żmien, il-kompożituri tal-marċi l-ġodda kienu jintrabtu verbalment mal-Kumitat tas-Soċjetà, *King's Own*, li l-marċ tagħhom ma jkunx jista' jindaqq minn baned oħrajn qabel tgħaddi sena.

Wara r-*recording* imbagħad, il-kompożituri tal-marċi ġodda konna nkunu mistednin mill-Kumitat għal riċeviment fis-Sala tal-Każin. Jien kont inkun magħhom għax, dak iż-żmien, bdejt nikkomponi l-marċi għal dik il-banda. Kienet l-għaxqa tiegħi nitkellem mas-Surmast Pace dwar l-iżvilupp tal-marċ f'pajjiżna. Niftakar tajjeb meta darba qalli li qed jara l-marċ Malti jinħall mill-forma tradizzjonali tiegħu u miexi lejn it-triq tal-kant. Illum il-ġurnata, ngħid li kien profeta.

Għalkemm il-fama ta' Angelo Pace hija dik ta' surmast tal-marċi, huwa kkompona wkoll mużika sagra, fost oħrajn, antifoni, quddies, għasar, gradwali u innijiet. Għall-banda, minbarra marċi, ikkompona wkoll *overtures*, innijiet u xogħlijiet oħrajn, fosthom, *Tender and True*, *Lil Din l-Art Ħelwa* u *Malta Risorge*. *Lil Din l-Art Ħelwa* hija poema sinfonika li rebħet it-tielet post f'konkors nazzjonali għal kompożizzjonijiet bandistiċi Maltin; konkors imniedi mid-Dipartiment tal-Kultura fis-sena 1983.

Angelo Pace kien maħtur Kavallier fi ħdan in-*Knights of Magisterial Grace of the Byzantine Order of the Holy Sepulchre* u, fl-1993, il-President tar-Repubblika kompla żejnu b'Midalja ta' Kommemorazzjoni f'għeluq il-Ħamsin Anniversarju mill-għoti tal-*George Cross* lil Malta mir-Re Ġorġ VI.

L-għajxien ewlieni ta' Angelo Pace kien mis-Servizzi Ingliżi; l-*RAF* Malta. Minkejja dan, huwa kien partitarju akkanit tal-Juventus u tat-Tim Nazzjonali Taljan. Kien isegwi ħafna r-radju Taljan u, ta' kuljum, kien jisma' programm ta' mużika serja fuq ir-*Rai Radio Uno*, mid-disgħa ta' billejl 'il quddiem. Dak il-ħin, kien ikun fl-għaxqa tiegħu; l-aktar meta kien ikun hemm xandiriet diretti minn diversi teatri tal-opra. Kien miżżewweġ lil Grazzja *née* Schembri, mill-Gudja, u kellhom sitt ulied. Is-Surmast Anġelo Pace miet fl-1993, fl-età sabiħa ta' tlieta u disgħin sena.

Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun **informattiva u/jew ta' interess ġenerali** u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-magazine.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-fuljett ikun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-magazine, nistednuhom jibgħatuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-magazine japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna email fuq: **maltakna@gmail.com**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jippubblika kull kitba li jista' jirċievi jew le.

# Kunjomijiet li donnhom qed jgħibu

*Kitba ta' Carmen Dimech*

Meta kont għadni xebba, madwar sitta u sittin sena ilu, kont naħdem il-*Head Office* ta' bank lokali li kellu miegħu 'il fuq minn mitejn impjegat. Kont naħdem fil-*mess*, jew *canteen*, kif konna nsibuh, fejn l-iskrivani kienu jitilgħu għall-*break* tagħhom meta jmisshom, ftit ftit, biex ma jiġux kollha f'daqqa u jħallu l-uffiċini vojta u n-nies jistennew. Aħna, xogħolna kien li nippreparaw is-*sandwiches*, it-*toast*, it-te u l-kafè u, insomma, dak kollu li, normalment, kienu jitolbuna l-impjegati bħala kolazzjon. Qed ngħid konna għax, naturalment, jien ma kontx waħdi fil-*canteen*; kien hemm min jirċievi l-ordnijiet u jitħallas, kien hemm min jiġbor il-vojt, jaħsel u jixxotta t-tazzi, il-kikkri, il-platti u l-plattini u kien hemm ukoll min kien jipprepara l-ikel u jsajjar xi ħaġa ħafifa biex imbagħad, xħin ikun lest, ngħajtu lill-iskrivani biex jiġu għal dak li jkunu ordnaw. Min jaf kemm-il darba għajjat: "Ms Vidal, għandek it-*toast!*" Jew, "Mr Wellington, hawn it-te u s-*sandwich* li ordnajt!" Qattajt sitt snin sħaħ f'din il-ħajja u, allura, bilfors tidra u tibqa' tiftakar ċerti kunjomijiet, speċjalment dawk mhux daqstant komuni; kunjomijiet li, illum, qajla għadek tismagħhom u li donnhom qed jgħibu mis-soċjetà tagħna.

Diġà semmejt il-kunjomijiet Vidal u Wellington. Imma, niftakar, kien hemm ukoll is-Sur Sladden, is-Sur Flynn, is-Sur Melillo, is-Sur De Maria, is-Sur Laurenti, is-Sur Doublè, Ms Kisson, Ms Serpina, is-Sur Lowell, is-Sur Paris, Ms Ingram, Ms Brunton, Ms Quinton u x'naf jien. Għandek tgħid, x'qed niftakar, hux? Min jaf x'sar minnhom dawn in-nies kollha, u ħafna oħrajn li, bħalissa, ma jiġunix f'moħħi. Li nista' ngħid hu li, fis-sittin sena li ili noqgħod Ħaż Żebbuġ, qatt ma rajthom iżjed. Kos hux, x'ħabta għandu l-moħħ tal-bniedem li kapaċi jerfa' ġo fih tant u tant memorji!

Tiftakru meta kienu jqassmu d-direttorju tat-telefon; ktieb oħxon mimli ismijiet, kunjomijiet u indirizzi flimkien man-numri tat-*telephone* tal-abbonati? Għamlu żmien kienu jagħtuh lil kull min kellu *telephone*. Imma llum m'għadux jeżisti; min jgħid biex jiffrankaw il-karta u min jgħid biex nibżgħu għas-siġar imma jien naħseb li biex jiffrankaw il-flus! Li niftakar żgur hu li ċerti kunjomijiet bħal, ngħidu aħna, Borg u Zammit, kien ikun hemm paġni sħaħ tad-direttorju mimlijin bihom filwaqt li, fil-każ tal-kunjomijiet li għadni kemm semmejt, kien ikun hemm ftit li xejn.

Darba, niftakar ukoll, fettilli nara xi kemm kien fih nies li jġibu kunjom xbubiti, Piccinino, u tgħidx kemm ħassejtni mkabbra għax ma kienx hemm iktar minn tużżana. Bilfors li aħna mhux komuni! Bilkemm ma ppretendejtx li, jekk naqta' subgħajja, joħroġ demm blu, minflok aħmar! Illum hemm



iżjed minn tużżana imma ma niskantax li dak iż-żmien kien hemm daqshekk ftit. Ibda biex, dari mhux kulħadd kellu *telephone* u, it-tieni, ħafna iktar żgħażagħ mil-lum kienu jagħżlu li jsiru reliġjużi jew inkella li jibqgħu għożżieb għax, ngħidu aħna, kienu membri tal-Mużew. Ma' dawn kien hemm ukoll oħrajn li, għalkemm iżżewġu, jew ma kellhomx tfal jew inkella kellhom bniet biss bħala wlied. F'dawn il-każi li semmejt, il-kunjom tal-familja kien x'aktarx jonqos jew, saħansitra, anki jintilef. Nassigurakom li, meta jkun hemm daqstant ftit, bħal fil-każ tiegħi, mingħajr ma trid tissusspetta li kollha kemm huma jiġu xi ħaġa minnek; jiġifieri, kollha tal-familja, imma mhux bilfors li jkun il-każ.

Ftit ilu, ħtieġli ngħaddi jumejn l-isptar bla ħsieb. Xejn ta' barra minn hawn; ħassni ħażin barra, ġiet l-ambulanza, ħaduni Mater Dei, għamluli ħemel testijiet u ma sabuli xejn gravi ħlief wieħed u tmenin sajf u wieħed u tmenin xitwa. Imma xorta żammewni jumejn hemm; għall-osservazzjoni, qalu. Poġġewni f'kamra ta' tnejn minn nies. Fis-sodda ta' maġenbi, kien hemm anzjana oħra li, minn taħt il-għajn, bdejt naraha tħares ċass lejja sa minn mindu rfist fis-sala. Ħarist lejha u hi kienet pronta dawret wiċċha 'l hemm mifxula, bħal tifla żgħira li ommha qabditha b'subgħajha fil-bott tal-ħalib magħqud. Fl-aħħar qalgħetha mill-istonku billi qaltli: "Int mhux Carmen?"

"Skużani," weġibtha; "imma m'iniex ngħarfek!"

"Uuuu," tbissmet; "min jaf kemm għamiltli *toasts* bil-perżut u l-ġobon imma mingħajr butir!"

"Int Ms Vidal?" staqsejtha skantata.

"Nadia," qaltli; "Nadia Vidal; jien kollni kemm jien!"

Tgħidx kemm fraħna b'xulxin u ma ngħidilkomx kemm dħaqna nirrakkuntaw il-praspar li konna nagħmlu fl-imgħoddi. Li nista' ngħidilkom hu biss li għaddejna jumejn tal-blieh infakkru lil xulxin it-tifkiriet taż-żmien ħelu li għaddielna.

# Awguri lil Dr Renzo DeGabriele għall-ħatra tiegħu bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifraħ u jagħti l-awguri tiegħu lil Dr Renzo DeGabriele li huwa s-Segretarju Permanenti l-ġdid fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Fl-imgħoddi, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani diġà kellu l-opportunità li jaħdem mill-qrib ma' Dr De Gabriele u l-Kunsill jista' jgħid li, fil-ħidma tiegħu, huwa dejjem sab l-appoġġ u s-sostenn meħtieġ ta' Dr Renzo Degabriele. Għaldaqstant, il-Kunsill m'għandux dubju li l-ħatra ta' Dr Degabriele għandha tissarraf f'ħidma ta' fejda b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.



Filwaqt li nistgħu ngħidu b'sodisfazzjon li l-provvedimenti favur l-anzjani f'pajjiżna jisbqu dawk ta' bosta pajjiżi oħrajn, mill-banda l-oħra, l-isfidi li jiffaċċjaw l-anzjani, frott tal-Etàiżmu (ageism), l-sterjotipar, il-preġudizzji, id-diskriminazzjoni flimkien mal-ostakli għal parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà, huma wkoll realtajiet li rridu nkomplu nindirizzaw.

Għaldaqstant, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani joffri l-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu lil Dr Renzo De Gabriele u lis-Segretarjat Permanenti li huwa jmexxi.

---



# Awguri lil Dr Steve Agius, Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità

Filwaqt li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani feraħ u awgura lil Dr Steve Agius għall-ħatra tiegħu bħala l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità, fil-jiem li għaddew, diġà żamm l-ewwel laqgħa ta' introduzzjoni miegħu kif ukoll mas-Sur Alex Gobey, l-Aġent Deputat Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija.



Fost it-temi li kienu diskussi kien hemm it-tisħiħ tal-kolloborazzjoni bejn iż-żewġ entijiet fejn, ta' min jgħid, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani diġà wiegħed l-għajnuna sħiħa tiegħu lil Dr Agius u l-Aġenzija li jmexxi.

Din il-laqgħa m'għandhiex tkun okkażjoni ta' darba għax, infatti, diġà saru appunatmenti oħrajn biex, flimkien, inħarsu 'l quddiem ħalli nkomplu naħdmu id f'id bil-għan li ntejbu aktar il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani fil-gżejjer tagħna.



# Bijografija qasira ta' Charlotte Brontë (1816 – 1855)

***Kitba b'tagħlima tas-Sur Salv Sammut***

Charlotte Brontë twieldet fil-21 t'April tas-sena 1816 ġewwa Thornton, Yorkshire, l-Ingilterra. Kienet waħda minn tlitt aħwa magħrufin għall-letteratura Ingliża. Ħutha, Emily u Anne, ilkoll ulied missier reliġjuż Irlandiż, ir-Rev. Patrick Brontë, u ommhom Maria. Fl-1824, Charlotte, Emily u ż-żewġ ħuthom il-kbar kienu mibgħutin f'*Boarding School* f'Cowan Bridge. Il-bniet il-kbar mardu u ntbagħtu lura d-dar fejn, fi ftit xhur, mietu t-tnejn. Charlotte waħħlet fid-dixxiplina ħarxa u fl-ikel ħażin tal-iskola bħala l-ħtija tal-mewt tagħhom. Dan il-fatt insibuh f'Lowood School fir-rumanz Jane Eyre.

Charlotte u Emily Brontë nħarġu mill-iskola u flimkien ma' Anne u ħuhom, Bromwell qattgħu l-ħin jiktbu kitbiet melodrammatiċi dwar pajjiżi immaġinarji imsejħin Angria u Gondal. Traċċi ta' dawn il-kitbiet bikrija nsibuhom fix-xogħlijiet tagħhom li ġew iktar tard.

Fl-1831, Charlotte attendiet l-iskola ta' Roe Head, f'Dewsbury. Aktar tard, minn żmien għal żmien, għallmet, u għenet, bħala studenti l-ewwel lil Emily u wara lil Anne. It-tlitt aħwa ħadmu bħala governanti imma dan ix-xogħol m'għoġobhomx. Fasslu pjan biex jiftħu skola u, għalhekk, studjaw il-Franċiż u t-Tedesk fi Brussell. Imma l-pjan tagħhom falla meta ma rnexxielhomx jiġbdu lejhom biżżejjed studenti.

Fl-1847, flimkien max-xogħlijiet ta' ħutha, Charlotte ppubblikat ir-rumanz, Jane Eyre. Minkejja li l-plott huwa naqra dgħajjef kif ukoll minkejja li, xi drabi, id-djalogu huwa xi ftit formali żżejjed, dan ir-rumanz mill-ewwel kien popolari ħafna. Fl-1848, ħuha, Bromwell miet kawża tal-alkoħol żejjed u l-użu eċċessiv tal-opium. Xhur wara, mietu Emily u Anne bil-marda tat-tuberkulosi. Fis-snin li ġew wara, Charlotte marret Londra fejn saret midħla ta' kittieba stabbiliti. Fl-1854, iżżewġet lil Arthur B. Nichols li, qabel, kien kurat ta' missierha. F'inqas minn sena, fil-31 ta' Marzu tal-1855, Charlotte Brontë mietet bil-marda tat-tuberkulosi wkoll u minn kumplikazzjonijiet oħrajn tat-tqala.

Charlotte Brontë, flimkien ma' ħutha, mhux biss sebbħu l-letteratura Ingliża tad-dsatax-il seklu imma l-kitbiet tagħhom, saħansitra, baqgħu jiġbdu l-ammirazzjoni tal-qarrejja ta' kull żmien.

Bħal ħafna kittieba oħrajn, Charlotte Brontë hija wkoll magħrufa għal għadd ta' kwotazzjonijiet li baqgħu famużi sal-lum. Waħda minnhom hija, *Humility is the basis of all virtues,* li tfisser li l-umiltà hija s-sies tal-virtujiet kollha. Jista' jkun hawn min jitħawwad u jħallat l-umiltà mal-umiljazzjoni anki minħabba x-xebħ fonetiku ta' bejn il-kliem. Imma, fis-sewwa, iż-żewġ kelmiet huma opposti għal xulxin fit-tifsira tagħhom daqskemm id-dawl hu oppost għad-dlam. L-umiltà hija dak l-istat fejn individwu, bil-modestja kollha, jagħraf ix-xejn tiegħu, jagħraf x'inhu s-sinifikat ta' ħajtu u ma' jħossux superjuri għal sħabu l-bnedmin. Ma jċanfarx biex ibaxxi lil ħaddieħor; ma jmaqdarx biex jgħolli lilu nnifsu u ma jiftaħarx biex jarmi lil ħaddieħor.

Għall-kuntrarju, l-umiljazzjoni hija dik is-sitwazzjoni fejn wieħed iħossu mnaqqas mill-istima tiegħu u mċekken quddiem ħaddieħor fir-rispett u s-sinifikat tiegħu. Il-knisja tgħallem li San Ġużepp kien bniedem umli, sempliċi fil-mod kif għex u li bih ġab ruħu ma' ħaddieħor. Mill-banda l-oħra, Marija Maddalena umiljat ruħha quddiem l-Imgħallem għax ħassitha mċekkna u nieqsa mir-rispett lejn ġiħha. Għarfet l-għeltijiet li wettqet u stħat minnha nnifisha. Mela d-differenza hija bejn li wieħed jagħraf lilu nnifsu u bejn





meta jirrealizza li r-rispett u s-sinifikat ta' ħajtu tnaqqaslu b'xi ċirkustanza li ġab fuqu nnifsu huwa stess jew għax kienet imposta fuqu.

Ġeneralment, f'belt kbira u metropolitana, huma bosta t-toroq li jidħlu u joħorġu minnha imma ċ-ċentru jibqa' xorta waħda l-bidu u t-tmiem ta' dawn it-toroq kollha. Kollha jwasslu biex jiltaqgħu f'destinazzjoni waħda, fiċ-ċentru tal-belt. Hekk ukoll, fost il-bosta virtujiet li tħaddan u xxerred il-Knisja Nisranija, hemm wieħed li huwa l-perm, jew is-sies li fuqu jdur kollox u jistrieħu l-virtujiet kollha.

Mingħajr dubju, dan huwa l-virtù tal-umiltà! Ma tistax tkun karetattiv jekk qabel ma tkunx umli biżżejjed li tagħraf li, wara kollox, fil-ħolqien, int m'għandek xejn iżjed li huwa tiegħek aktar minn dak li miegħu tkun qed tagħmel karità. Minbarra hekk, trid tifhem ukoll li qed tagħmel hekk għax tħoss għal dak l-imsejken u mhux biex tiġbed l-ammirazzjoni ta' min jarak.

Ma tistax tistenna mħabba jekk, qabel, ma tifhimx li int ukoll jeħtieġlek tkun umli biżżejjed u tkun lest tagħmel kull sagrifiċċju għal min qed tistenna mħabbtu lejk. Ma tista' qatt tippretendi li ħaddieħor ikollu s-sabar miegħek jekk ma tifhimx, u tistqarr li, fuq kollox, int ukoll trid tkun paċenzjuż u tilqa' l-injoranza fil-mentalità jew fid-defiċjenza akkademika ta' xi ħadd u ma titlifx sabrek u tisbel miegħu jew magħha. Mela, bħalma t-toroq kollha jieħdu għal destinazzjoni ewlenija waħda, hekk ukoll il-virtujiet insara kollha huma mibnijin fuq il-virtù tal-umiltà.

Wara kollox, ħadd m'għandu jaħseb li, jekk ikun umli, bilfors li huwa ġifa. L-umiltà ma tfissirx dgħjufija. Mahatma Gandhi baqa' magħruf għall-umiltà kbira tiegħu u huwa meqjum bħala qaddis f'ħajtu stess. Madankollu, kien sod u qalbieni fil-prinċipji u d-determinazzjoni tiegħu. Kien hu li, bl-eżempju tal-umiltà, ġibed fuqu r-rispett ta' bosta dinjitarji li, magħhom, saħaq li art twelidu jixirqilha li jkollha l-ħelsien. Kien hu li ħareġ bil-famuża frażi: *violence proves nothing* u li sostna dan it-twemmin ukoll meta kien nieżel fl-art mgħarrar f'demmu. Dak il-ħin, ħares lejn l-assassin tiegħu u, waqt li bierku, ħafirlu.

Mother Theresa hija mara ta' żmienna. Fost it-taqlib ta' dinja mifnija minn gwerer bla sens u ġuħ mhux aċċidentali, Mother Theresa kienet merżuq dawl li xegħel il-qlub u li wera li, minkejja l-problemi kollha li jistgħu jeżistu, hawn min għandu qalb li taf tħenn; qalb altruwista daqstant li taf tkun umli bizzejjed biex titlaq kollox warajha u tmur Calcutta tħaddan magħha l-ifqar fost il-fqar. Hemmhekk, wettqet il-virtujiet insara kollha għax, l-ewwel u qabel kollox, bħala bażi, kellha fiha l-virtù tal-umiltà. Illum, min ma jammirax u jweġġaħ lil dik il-mara xwejħa, fraġli, milwija ganċ, għaddejja ssabbar lil dawk l-imsejknin u tnisslilhom tama ġdida f'ruħhom?



Meta tkun umli, tiġbed fuqek ir-rispett u l-istima ta' ħaddieħor. Kulħadd iħares lejk bħala simbolu ta' dak kollu li huwa sod fil-prinċipju. Kristu dejjem fittex li jitħallat mal-aktar nies umli u kkritika lil min ħassu 'l fuq mill-oħrajn. Kemm-il darba enfasizza dan il-virtù billi stqarr is-sbuħija tal-umiltà, kemm fil-parabboli kif ukoll fil-mixjiet tiegħu.

Wieħed malajr jiftakar f'dak il-festin fejn, min kien imkabbar, intasab fuq quddiem tal-mejda u min kien umli baqa' lura. Meta ġie s-sid, waddab fl-aħħar l-imkabbar u qiegħed f'post prominenti lill-umli. B'hekk, tnisslet il-frażi li min jogħla jiċċekken u min jiċċekken jitgħolla.

Li tkun umli mhix faċli. Li tegħleb lilek innifsek hija diffiċli ħafna. Li tistqarr miegħek stess id-dgħjufija tiegħek u taċċetta lil ħaddieħor daqsek hija iebsa wisq. L-istess ħajja diffiċli tal-lum mhux dejjem tħallik tkun umli. Jekk ma jkollokx rieda soda li fil-waqt li ma tħalliex lilek innifsek tiġi wżat minn ħaddieħor, fl-istess waqt ma titkabbarx u tara lil ħaddieħor ċkejken, żgur issibha bi tqila.

Charlotte Brontë kienet taf tajjeb x'inhi tgħid meta ħarġet b'dik il-frażi. Huwa minnu li l-umiltà hija s-sies tal-virtujiet l-oħrajn kollha għax trid tkun umli biex tkun tista' tħobb. Trid tkun umli biex iżżomm is-sabar u tisma' l-krib ta' madwarek. Trid tkun umli biex ikollok id-dehen issabbar lill-imġarrbin. Trid tkun umli biex tagħraf trażżan il-kburija u titħallat ma' min hu nieqes mill-kult intellettwali. F'kelma waħda, trid tkun umli biex tista' tħaddan il-virtujiet l-oħrajn.

# Il-Griegi u r-Rumani fil-Bibbja

***Kitba ta' Fr Charles Buttigieg***

Fl-istorja tas-salvazzjoni li naraw fil-Bibbja niltaqgħu ma' diversi popli u kulturi differenti li, magħhom, għex il-poplu magħżul ta' Alla. Illum, ser nitkellmu dwar il-Griegi u r-Rumani li kienu wkoll jaħkmu fuq il-Palestina.

**Il-Griegi**



Ftit sekli qabel Kristu, naraw qawmien ta' letteratura u filosofija marbut mal-Greċja. Jingħad li l-Griegi ġejjin min-nisel ta' Jafet, iben Noè. Fis-sena 776 Q.K., diġà nsibu t-twaqqif tal-Logħob Olimpiku fil-Greċja. Fil-ħames seklu Q.K., insibu lil Erodotu bħala missier tal-istorja u, fis-sena 400 Q.K., lil Xenofon. Fil-Maċedonja, insibu l-qawwa ta' Filippu, isem li jfisser wieħed li jħobb iż-żwiemel. Fost il-bliet importanti f'dan l-imperu Grieg tal-Maċedonja, insibu lil Ateni, Sparta, Kreta, Ċipru, iċ-Ċiliċja u Lixandra. Il-Griegi bnew diversi portijiet fosthom anki dak fil-kosta tal-Gallja ta' Marsilja. B'rebħiet fuq il-Persja, Alessandru l-Kbir kompla firex dan l-imperu fejn ħalla missieru mill-Ewropa sas-Samarkandja u, saħansitra, anki sal-Indja, eżattament, sax-xmara Indus. Fil-Palestina, insibu d-Dekapolis, li kienu għaxart ibliet Griegi, u lil Palmyra, fid-deżert tas-Sirja. Il-kultura Griega kienet teżalta l-eros tal-bniedem waqt li kienet iżżomm l-immortalità tar-ruħ biss. Għaldaqstant, il-Griegi ma kinux jemmnu fil-qawmien tal-ġisem. Dijonisju kien l-alla tal-fertilità u tal-inbid waqt li Asclepius kien l-alla tal-fejqan. Allat oħra kienu Kronos, Żeus, Rhea u Aphrodite. Alessandru l-Kbir saltan mis-sena 336 sas-sena 323 Q.K. meta miet fil-Babilonja u ma ħalla ebda eredi. Jingħad ukoll li, meta ħakem il-Persja, Alessandru l-Kbir ġarr mas-6943 tunnellata ta' deheb minn Susa u mill-Indja. L-imperu Grieg huwa t-tielet imperu fil-ħolma tal-profeta Danjel. Il-kultura Griega kellha l-influssi tagħha fil-kultura biblika u l-aħħar kotba tal-Antik Testment inkitbu bil-Grieg. Wara, fil-Palestina, ħakmu t-Tolomej tal-Eġittu, immexxijin mill-ġeneral ta' Alessandru l-Kbir, Tolomew u s-Selewki tas-Sirja fejn, dawn tal-aħħar, speċjalment taħt Epifanju, ippersegwitaw il-Lhud u pprofanaw it-Tempju. Dan Antijokju Epifanes miet fis-sena 163 Q.K. Warajh, fil-Palestina, insibu, fost l-oħrajn, lil Antijokju, lil Tolomew u lil Dimitriju

**Ir-Rumani**

L-Imperu Ruman kien l-imperu barrani li kien qed jaħkem fil-Palestina fi żmien Ġesù; żmien ta' paċi u armonija msejjaħ *Pax Romana*. Il-belt kapitali tal-Imperu Ruman kienet Ruma (l-isem ifisser l-id t'Alla jew qawwa). Ruma kienet meqjusa bħala l-belt eterna u bħala ċ-ċentru tal-univers. Din il-belt tinsab fir-reġjun ta' Lazjo liema isem kien ġej mill-Grieg *Ellas* li jfisser l-art tad-dawl. Ruma kienet imwaqqfa fis-sena 753 Q.K. Jingħad li, fl-ewwel seklu, il-popolazzjoni tagħha kienet tgħodd mal-miljun ruħ u li l-belt kien fiha madwar 1790 palazz u 300 tempju. Iċ-Ċirku Massimu kien jesa' 130 elf ruħ filwaqt li l-Kolossew kien jesa' 80 elf ruħ. Ir-Rumani ħarġu rebbieħa fil-gwerer puniċi kontra Kartaġni, fl-Afrika ta' Fuq. Ir-rebħa fuq Hannibal ġrat fis-sena 149 Q.K. Fis-sena 161 Q.K. r-Rumani għamlu ħbieb mal-Ġudeja meta għenu lill-Makkabej kontra s-Selewki. Rebħu lil Korintu fis-sena 146 Q.K. u lil Ateni fis-sena 86 Q.K. Permezz ta' Pompej, okkupaw il-Palestina fis-sena 63 Q.K. fi żmien Ġulju Ċesare u tilfu l-battalja ta' Carrhae fis-sena 53 Q.K. Fis-sena 47 Q.K., fi żmien Kleopatra, il-Lhud għenu lil Ċesare jirbaħ fl-Eġittu. Fis-sena 44 Q.K., inqatel Ġulju Ċesare u Ċesare Ottavjanu Awgustu beda jsaltan bħala l-imperatur il-ġdid fis-sena 27 Q.K. Huwa kien in-neputi ta' Ġulju Ċesare u dam isaltan 41 sena, jiġifieri, sas-sena 14 wara Kristu. Warajh, insibu lil Tiberju li dam imperatur sas-sena 37, lil Kaligula sas-sena 41, lil Klawdju sas-sena 54, lil Neruni sas-sena 68, u lil Galba, Otto, Vitellju, Vespazjanu, Titu u Domizjanu.

Ir-Rumani riedu jaħkmu d-dinja. Bnew ħafna bliet, toroq u akkwadotti u ferrxu l-imperu tagħhom, saħansitra, sal-Ingilterra, sal-Marokk u sal-Baħar Kaspju. Fost it-toroq, insibu l-*Via Domitia*, bejn l-Italja ta' fuq u Spanja, u l-*Via Aurelia*, mal-kosta tal-Italja. Fil-Palestina, bnew medda ta' 1000 mil ta' toroq kif ukoll il-port ta' Ċesareja Marittima. Fost il-prokuraturi Rumani fil-Palestina, insibu, naturalment, lil Ponzju Pilatus li dam sas-sena 36. Ir-Rumani qerdu lil Ġerusalem fis-sena 70 u din il-belt reġgħet ġiet meqruda għal kollox fis-sena 135 mill-Imperatur Adrijanu li, wara, reġa' bena belt iżgħar bl-isem ta' Colonia Aelia Capitolana, għall-familja tiegħu. Minn hawn, l-Imperu Ruman beda dejjem jiddgħajjef u, bejn is-snin 235 u 284, insibu xejn inqas minn għoxrin imperatur differenti. Fis-sena 306, l-Imperatur Kostantinu sar Awgustu tal-Brittanja u tal-Gallja u, fis-sena 313, invada u rebaħ l-Italja. Kostantinu ta l-libertà reliġjuża lill-Insara kollha u, b'hekk, il-Knisja ħelset mill-persekuzzjoni Rumana. Fis-sena 410, il-Vandali qerdu l-belt ta' Ruma u l-Imperu Ruman ġie fi tmiemu għal kollox fis-sena 476 wara Kristu.



# Laqgħa ħelwa ħafna mal-anzjani

***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap***

Qabel faqqgħet il-Covid-19, kelli l-grazzja nkun mistieden għal laqgħa tassew ħelwa mal-anzjani. Niftakar tajjeb li, min stedinni għal din il-laqgħa, ġie għalija l-Isptar Mater Dei. Kemm rajtu anġlu dak il-ħin ta' filgħodu! Mhux bilfors, jekk kont għadni kemm ħriġt mix-xift ta' billejl? U l-lejl, f'Mater Dei, dejjem il-lejl ħbieb!

Aħna u sejrin lejn post il-laqgħa, aqta' kemm tħadditna fuq għadd ta' ħwejjeġ fil-karozza! Kemm apprezzajt li dan l-anzjan saq bil-mod u ma ħallhiex lilu nnifsu jinġarr mill-ferneżija tal-mument li wħud darrew lilhom infushom biha! Xejn tpaqpiq bl-addoċċ ta' rabja finta u ta' arja li ma tagħmilx ġid lil min jaħżinha jew idewwaqha lil pulmunih! Aħseb u ara lil dak ta' ħaddieħor li jidħol bħal Pilatu fil-Kredu! Id-diskursata tagħna kienet dik li għallimni l-Mulej, jiġifieri, xi grazzja jkollu min għandu s-sabar joqgħod bilqiegħda u jisma' lill-anzjani tagħna jgħidu tagħhom! Għax kull kelma li toħroġ minn fommhom hija msajra fil-forn tal-esperjenza! U għax tkun kelma għalliema u midluka dilka xaħam tajba tal-esperjenza tal-ħajja ta' kuljum. Aqta' kemm tinżel ħelu manna fil-qlub! Kull kelma li tkun ġejja minn għadd ta' ġrajjiet li l-anzjani jkunu ħabbtu wiċċhom magħhom matul il-vjaġġ twil, mimli tlajja' u nżul ta' ħajjithom, żgur li tagħmel tajjeb għall-qalb, il-moħħ, il-ġisem u r-ruħ tal-ġenerazzjonijiet li, għalissa, huma iżgħar minnhom! Inkluż tiegħi!

Wasalna fil-post. Hekk kif inżilt mill-karozza, ġejt milqugħ minn żewġ anzjani li riedu jagħtuni tazza kafè b'saħħa. Minħabba li, dakinhar, kont bis-sawm, ma stajtx nieħu. Però, apprezzajt ferm li baqgħu jinsistu miegħi. Dan, naturalment, għamluh mhux għax riedu jiksruli s-sawma imma għax, meta saru jafu li kont għadni kemm inqatta' lejl Mater Dei, qalbhom ma tagħtħomx li ma jurunix ħniena! Kemm rajthom anġli lin-nies tal-kċina f'dak il-mument! U kemm imxew b'għaqal kbir miegħi! Għax, lil dawn it-talin, ħajjithom żgur li għallmithom kemm qalb kbira tista' tirbaħ persuni! Sewwa jgħid il-qawl Malti: Bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba!

Barra minn hekk, ħadt gost ħafna nara kif kienu mqassmin in-nies fis-sala l-kbira. Il-mod kif l-organizzaturi ta' din il-laqgħa qassmu l-imwejjed u s-siġġijiet, għenu lil dawn l-anzjani biex, bejniethom, tabilħaqq iħossuhom familja waħda! Għax, ngħid jien, min ma jridx iħossu maħbub? U, illum, min jieħu ħsieb l-anzjani, mhux din hija l-biċċa xogħol tiegħu maħduma b'reqqa liema bħalha; jiġifieri, dik li jibni familja?

Bdejna l-laqgħa. Iggustajthom lil dawn ħuti! F'xi waqtiet, bdejt nitbissem u nidħak bija nnifsi wkoll! Għax ma flaħtx



noqgħod fin-nofs quddiemhom, inħares lejhom, hekk ċass, qisni mejda tal-qubbajt; jew funtana bla ilma. Le ħbieb! L-entużjażmu ta' dawn l-anzjani għeni biex noħroġ minni nnifsi u nkun tabilħaqq ħieles; liebes l-istess ħelsien li bih kien imlibbes missierna San Franġisk; dak il-ħelsien li jirreżisti, b'qalbu kollha, il-podji u t-tkaken u, wisq aktar, il-pożi! Le! Xejn minn dan ħbieb! Il-ħelsien li bih kien mimli Franġisku għeni ninżel minn fuq iż-żiemel tal-pretensjonijiet tiegħi u noqgħod indur man-nies li kelli quddiemi.

U x'taħsbu li kienet ir-reazzjoni? Ilkoll qamu fuq tagħhom! Għax anki dik li, għal xi raġuni jew oħra, is-soltu kienet toħroġ il-mobile biex toqgħod ittektek, inkella tilgħab xi logħba, illum, lill-mobile bagħtitu jorqod u, Alla jbierek, aqta' kif fetħet par widnejn daqshiex ħalli tisma' sewwa x'kien qiegħed jingħad! Dawn, għalija, huma rebħiet kbar li m'għamilthomx jien tafux! Il-midneb! Lanqas xejn! Dawn kienu rebħiet li għamlithom biss il-grazzja tal-Mulej, u xejn aktar! Dik il-grazzja li trid tinżel fl-istorja ta' ħajjitna biex tressaqna dejjem aktar lejn il-Mulej li, quddiemu, għandu l-erba' u għoxrin anzjan li, kull wieħed minnhom, għandu ċetra u xi bwieqi tad-deheb mimlijin bl-inċens li huma t-talb tal-qaddisin.

U, jekk, skont xi interpreti tal-Apokalissi, l-erba' u għoxrin anzjan lebsin ilbies abjad u bil-kuruna tad-deheb fuq rashom bilqiegħda madwar Dak li hu bilqiegħda fuq it-tron, huma l-mexxejja tas-sema li jinsabu f'adorazzjoni u li qed jitfgħu l-kuruni tagħhom quddiem it-tron tal-Mulej biex juru min, fis-sema, tassew qed imexxi, kemm dawn l-anzjani, bil-ħlewwa u bil-qalb kbira tagħhom, kienu qed iressquni lejn il-Mulej! Bil-ħbiberija tagħhom miegħU! Għax semgħu kelmtU li ħarġet minn fommi, mingħajr ma jistħoqqli. U, b'imġibthom, mimlija b'daqshekk imħabba, wassluni biex jien ukoll nitfa' l-kuruna tiegħi quddiem it-tron tal-Mulej u nħallih jgħinni numilja ruħi quddiemU.

Għal dan kollu, nista' ma nikkwalifikax din il-laqgħa ma' dawn l-anzjani bħala waħda tassew ħelwa, u ħelwa ħafna wkoll?

# Imħabbti għall-istorja

***Kitba ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija***

Bdejt nitħabbeb mal-istorja sa minn meta kelli ħdax-il sena. L-ewwel ktieb li kelli biex nistudja kien jismu, *Early English History* li jkopri l-istorja tal-Ingilterra minn żmien il-Feniċi (li kienu jmorru hemm biex jixtru l-landa minn *Cornwall*) u jibqa' sejjer sal-Battalja ta' *Hastings*, fis-sena 1066. Niftakar li dan il-ktieb kien saħħarni u, għalija, kien il-muftieħ li fetaħli qalbi u ħeġġiġni biex inkompli nistudja l-istorja.

L-imħabba tiegħi għall-istorja nafha wkoll grazzi għal missieri, Giovanni li, għalkemm kien raġel tas-sengħa, kien jieħu pjaċir jistudja dan is-suġġett. Miegħu, xieraq inżid lil ħija, Ġużi, li wkoll kien ħabib mal-istorja.

Imma *Early English History* kien biss il-bidu. Warajh, l-ewwel fittixt li naqra l-istorja tal-Greċja tal-qedem fi żmien meta dik l-art kienet il-Benniena taċ-ċiviltà. U dan laqqagħni mal-għorrief Griegi minn Socrates sa Aristotile u, f'din il-kitba, nixtieq ngħidilkom xi ħaġa żgħira dwar tnejn minn dawn in-nies tassew kbar; Hippocrates u Archimede.

**Hippocrates**



Hippocrates kien tabib Grieg. Twieled fil-gżira ta' Cos fis-sena 460 QK u miet fis-sena 380 QK meta kellu madwar tmenin sena. Tista' tgħid li, qabel Hippocrates, il-bniedem ftit li xejn kien jaf dwar il-mard. Kien għadu jemmen f'ħafna ħmerijiet u superstizzjonijiet qodma. Kien iwaħħal fl-ispirti ħżiena u kien jemmen bis-serjetà li kienu huma l-kaġun ta' ħafna mill-mard.

Hippocrates, li kien jaħdem f'Ateni, organizza l-professjoni medika u qaleb dan kollu ta' taħt fuq. Għall-ewwel darba, beda jaħdem b'moħħ xjentifiku u analitiku. Beda jagħmel eżami mediku akkurat u jikteb dak kollu li josserva; kemm qabel kif ukoll wara, u jsegwi dak kollu li jiġri biex dejjem jitgħallem u jtejjeb il-metodi tiegħu. Lill-pazjenti dejjem kien jgħatihom l-aqwa pariri dwar x'għandhom jieklu, dwar il-bżonn tal-mistrieħ kif ukoll dwar il-ħtieġa tal-iġjene personali.

Kien iħeġġeġ lit-tobba jżommu jdejhom nodfa u biex isegwu l-pariri kollha tiegħu. Fuq kollox, kien jinteressa ruħu biex jitkixxef dwar dak kollu li jista' jikkawża l-mard u kien anki jżomm rekord tas-sejbiet li kien jagħmel.

Kien jisħaq li kull tabib għandu jagħmel ħiltu kollha għall-marid u jtih l-aqwa pariri li jista'. Fuq kollox, kien iħaddem il-professjoni tiegħu bl-akbar kuxjenza u ma kien jiddiskrimina kontra ħadd.

Mhux ta' b'xejn li, għal dan iż-żmien kollu, Hippocrates baqa' meqjus li huwa Missier il-Mediċina moderna u, għalkemm mhix obbligatorja, il-*Hippocratic Oath* għadha tittieħed sal-ġurnata mqaddsa tal-lum. Fiha, tobba ġodda jaħilfu solennament li, fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom, huma jsegwu għadd ta' *standards* speċifiċi tal-etika medika.

**Archimede**

Archimede twieled fis-sena 287 QK. Kien jgħix Sirakuża u kien ħassieb, studjuż, matematiku, xjenzat, inġinier, astronomu u inventur; speċi ta' Leonardo da Vinci imma li ġie xi elf u ħames mitt sena qablu.

Forsi l-aktar aneddotu li baqa' msemmi għalih fl-istorja kien meta ħareġ jiġri għarwien fit-triq jgħajjat, "Ewreka, ewreka!" li tfisser 'sibtha'. Li ġara huwa li r-Re kien ta ammont ta' deheb lil wieħed arġentier biex jagħmillu kuruna tad-deheb mastizz. Naturalment, anki dak iż-żmien kien diġà magħruf li arġentier qarrieq jista' jħallat xi metall ieħor mad-deheb biex iġib il-piż u b'hekk ikun jista' jieħu biċċa deheb għalih. Ir-Re ried ikun jaf jekk dik il-kuruna kinitx tassew tad-deheb mastizz imma mingħajr ma jkissirha jew idewwibha. U l-problema ngħatat lil Archimede. Archimede dam iħabbel rasu mhux ftit għax ma kienx jaf kif ser jaqbad isolvi dil-problema mingħajr ma jagħmel ħsara irreparabbli lill-kuruna. Huwa kien jaf li kull element (inkluż id-deheb) għandu densità speċifika għalih. Hekk, ngħidu aħna, jekk tiddividi l-piż ta' element, bħad-deheb, bil-volum tiegħu, ir-riżultat jurik id-densità ta' dak il-materjal. Il-piż tad-deheb li kien ingħata lill-arġentier kien jafu u l-piż tal-kuruna kien jafu wkoll għax seta' jiżinha. Il-problema kienet kif tista' ssib il-volum ta' oġġett ta' għamla tant irregolari bħalma kienet dik il-kuruna.

Jingħad li darba, xħin ġie biex jinħasel, Archimede osserva

li, meta wieħed jidħol fil-banju, il-livell tal-ilma jogħla. Wara li qagħad jaħseb ftit, irrealizza li l-volum tal-ilma li jogħla huwa eżatt daqs il-volum tal-oġġett irregolari (bħall-ġisem tal-bniedem) li jkun daħal fih. B'hekk seta' jikkalkula l-volum tal-kuruna tar-Re mingħajr ma jagħmlilha ħsara. Bl-eċċitament li qabdu, nesa li kien għarwien ħuta u ħareġ jiġri fit-triq jgħajjat, "Ewreka, ewreka!"

Imma Archimede m'għamilx dan biss. Fost affarijiet oħra, Archimede vvinta pompa tal-ilma li taħdem permezz ta' spirall idur u din il-pompa tant hija effettiva li, saħansitra, f'ċerti postijiet bħall-Olanda, għadha tintuża sal-lum.

Archimede kien ukoll dak li spjega l-prinċipju u l-użu tal-leva. "Tuni leva twila biżżejjed u post fejn inserraħha," kien jgħid, "u jien inċaqlaq anki d-dinja!"



Affarijiet oħrajn li baqa' magħruf għalihom Archimede kienu l-ħafna magni tal-gwerra li ddisinja, bena u uża. Fi żmienu, Sirakuża kienet assedjata mir-Rumani. Archimede ħadem fuq bosta sistemi ta' *pulleys*, ħbula, katini, ganċijiet goffi u tnalji kbar li kienu jfixklu u jħarbtu lill-għadu mhux ftit kif ukoll bena żbandoli enormi li kienu jwaddbu l-ġebel fuq il-bastimenti Rumani u jkissruhom. Archimede ħadem ukoll fuq sistema ta' mirja u rifletturi li kienu jiffikkaw ir-raġġi tax-xemx fuq il-bastimenti tal-għadu u jaħarquhom. B'hekk, jingħad li Archimede rnexxielu jtawwal l-Assedju ta' Sirakuża bi tliet snin.

Imma, fl-aħħar, fis-sena 212 QK, ir-Rumani rebħu l-belt u daħlu ġo fiha. Il-ġeneral Ruman ordna li, jekk jinstab Archimede, ma joqtluhx imma jħalluh ħaj ħalli jkun jista' jibda jgħin lilhom bl-istess mod. Imma, mhux magħruf għalfejn sew, suldat Ruman sab lil Archimede mitluf fl-istudju, silet ix-xabla tiegħu u qatlu. Kellu ħamsa u sebgħin sena. Kemm Archimede kien tassew raġel kbir jixhdu l-fatt li, minkejja li għaddew iktar minn elfejn sena mill-mewt traġika tiegħu, huwa għadu, u jibqa', magħruf u meqjum mad-dinja kollha.

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.

Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.

Għal aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-*Website* - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.

Grazzi bil-quddiem

**L-Editur**

# The father

***By Liz Bajada***



The man stood in front of the sitting-room window looking out onto the street. He watched his wife leave the house, walk down the drive, get in the car and drive away. It was their umpteenth quarrel in the last couple of months. Family life had become unbearable. They had never quarrelled like this before. There might have been a few tiffs now and then but nothing like this.

The question is, how could you come to terms with a situation that turns your life upside down? He clearly remembered the evening when their only son, a young man of twenty-four, came in and said: "Mum, dad, I have some news for you. A couple of months ago, I met Jack, and we intend to start living together."

"You mean Jacqueline, no?" replied the father smiling, glad that, at long last, his son had met the girl of his life and, maybe, that soon tiny feet will be pattering around the house.

"No Dad, it is Jack! He is my partner and we love each other."

How many times had he replayed those dramatic minutes in his mind? Initially, he had been petrified. Then, he started feeling sick. Later, he had turned cold. It could not be true. It couldn't be happening to him. He remembered raging at his son. The hurt and the anger came out in insults, in names and in threats. His son just stood there taking it all in silence. Then came the ultimatum: "You either forget all this nonsense or you can leave my house and you are no longer my son!"

At this, his son turned round and walked out of the house, never to come back. He still remembered the cold silence that ensued, broken only by the silent sobbing of his wife. Obviously, she must have guessed what her son was going through without ever broaching the subject. She realised that her son felt betrayed by both his parents.

Since that fateful day, the man rarely left home except to go to work. He was ashamed even of his neighbours who might ask about the boy. He didn't even speak about this with his best friend at work. For him, his son was dead. That was the pain he felt; emptiness, deep sadness and a coldness inside.

But, sometimes, he felt as though the walls of the house were closing in on him. He needed to breath; he needed some fresh air. One day, he picked up his jacket and the keys and rushed out of the house. He walked aimlessly but quickly, as though he wanted to run away from someone, or from something. He stopped just to catch his breath. He looked across the road and noticed the park where he often used to go when his son was still young. Slowly, he crossed the road, completely unaware of the passing cars hooting in annoyance around him. Something seemed to be drawing him inside the park and, particularly, towards the duck pond that his young boy always insisted to visit. Even now, he could hear the child's voice calling out to him: "Look daddy, ducks. Quick, some bread; they look very hungry!" And, after ensuring that each got a nibble, he would run off saying: "Look daddy, how fast I run!" Where was that happy boy now? Where were those wonderful moments?

He sat on a bench facing the pond staring at the still, stagnant water. His mind was far, far away! He did not hear the quacking ducks and did not even feel someone coming to the bench next to him. He was startled when he heard a man's voice saying: "This is the only place where I can find some peace and quiet!" The father looked round and saw a stranger slouched down on the other end of the bench. He too was staring ahead of him, seemingly oblivious of everything and everyone else around him. The stranger went on as though he had something that he needed to get off his chest. "I come here every day; for this last year, since my twenty-year-old son died. And all because of my pride! If only I could turn back the clock and undo what I said a year ago! Then, my son would still be alive!"

Somehow, it seemed as though that stranger did not expect any reply as he continued speaking to himself, "Why did I not try to listen to what my son was trying to tell me; his worries, his fears, his cry for help? All he needed was my understanding; as a father would understand his son! But no! I was indignant and I was obstinate! All I heard was that he had been on drugs for the past couple of years; that he owed a large sum of money which he did not have and that someone was threatening him. Of course, for him, that sum was too large but I could easily have met the amount. Instead, I was furious! I called him a good-for-nothing scoundrel who could only make a mess of his life and then expect me to bail him out. I told him that he was no longer a son of mine and that he could leave my house as, for me, he was as good as dead! Little did I know that I didn't have to wait very long for that to happen!. The next day, the police called to inform me that they had found my son dead; in this park; of an overdose! Now, I would pay a thousand times that sum if only I could have him back; even for a short while, just to let him know how sorry I am. True, my pride had been hurt for, in spite of working hard all my life and always giving him everything that he needed, he kept the wrong company and had done all those things that I despise most. He had ignored my advice and he had trampled on all the principles that I held most sacred. Oh God, what a fool I was!"

At this point, tears were running down the stranger's cheeks. He let out a loud sigh, got up and slowly walked away. The father remained seated looking after the retreating figure of that stranger until he disappeared round a corner. He did not know why that man came there, as if expressly to let him know his story. What he certainly knew was that he was not going to wait until he lost his son to make amends with him. Who cares what the neighbours and his friends might think? His son was what he was and he should accept him as he is; unconditionally. He will listen to him, to his worries, his fears, yes, even his cry for help. He will assure him that he will always stand by his side through thick and thin.

The father got up and, with a quick, determined step, walked towards the place where he knew his son was living with his partner. He would go there! He would ask his son's forgiveness for the cruel words he had uttered! He would tell him that he loves him as he is and that, from now on, he will always support and respect his decisions! Because, after all, he is a part of him and will, forever, remain his son!

# Reċiproċità

***Rakkont ta' Vincent Piccinino***



Kultant, lanqas jien stess ma naf kif jiġuni l-istejjer. Flok infittixhom jien, isibuni huma. Mhux l-ewwel darba li jwaqqafni xi ħadd u jaqbad ikellimni mingħajr lanqas biss inkun nafu. Ma nafx x'għandi; donni kalamita għal nies bħal dawn. U, ngħid is-sew, mhux dejjem ikolli aptithom imma, meta nħoss li xi ħadd għandu bżonn ipoġġi rasu fuq spallejja u jferra' dak li għandu f'qalbu, insibha diffiċli biex inwaqqfu.

Ftit ilu, kont qed nieħu kafè bil-kwiet. Ma tantx kien hemm nies fil-ħanut. Raġel, li kien ma' mejda ftit 'il bogħod minni, għamel sinjal lill-wejter biex iħallsu. "Żomm tiegħu wkoll!" qallu filwaqt li pponta sebgħu lejja.

"U mur, ma tarax?" għidtlu; "M'hemmx għalfejn. Nirringrazzjak xorta waħda!" Imma r-raġel baqa' jinsisti u, biex żgur il-wejter jisma' minnu, qallu biex iżomm kollox u li ma riedx bqija.

"Kien hemm żmien," beda jgħidli, waqt li resaq iktar qrib tiegħi, "meta dan ma stajtx nagħmlu. Kelli bżonn il-ħniena ta' ħaddieħor imma mhux dejjem sibtha! Darba," kompla jirrakkuntali, "kienet ġurnata li ma nista' ninsieha qatt. Kont bil-ġuħ! Kont ili xi tlitt ijiem ma nitfa' xi ħaġa sura fl-istonku tiegħi. Għalkemm ma kinitx xi kesħa kbira, bid-debbulizza li kelli, ħassejtni se mmut bil-bard."

"Ma kontx taħdem?" interrompejtu.

"Jien m'għandi ebda sengħa u, skola, primarja biss mort. Bil-ftit li kont naf, irnexxieli nsib post ta' messaġġier/fattiga ma' ditta privata u dak, għalija, kien sombor. Imma x-Xitan ma jħallikx kwiet. Kont membru tal-Mużew u, ngħidlek is-sew, ħsieb ta' tfajliet qatt ma kelli. Imma kien hemm waħda li qabdet qabda miegħi bħal qarnita u ma stajt neħles minnha b'xejn. Tant iffittatni u ġennitni b'dak li kienet tgħidli li, fl-aħħar, ġabitni fejn riedet hi. Biex ma ntawwalx, wara ftit tax-xhur, tista' tgħid li ġiet tgħix miegħi għal kollox. Imma qatt ma kellha kwiet ġo ġisimha. Dejjem tara x'se taqla' u x'se tivvinta. Barra minn hekk, kważi mill-ewwel uriet li kellha mneħirha daqsxejn imxammar ukoll. Sikwit kienet ittambar dwar jekk hux biħsiebi nibqa' messaġġier għomri kollu. Iktar m'għadda żmien, iktar bdiet toħroġ waħedha milli miegħi u tiġi d-dar dejjem aktar tard minn qabel sa ma, darba, ħarġet u ma reġgħetx ġiet lura. Kienet ippjanata l-biċċa għax, fil-fatt, meta fittixt fejn kienet terfa' ħwejjiġha, ma sibt xejn; ħadet kollox magħha. U mhux l-affarijiet tagħha biss ħadet, għax, saħansitra, anki x-xi ħaġa żgħira li kelli mwarrba ħadet ukoll!"

Waqaf ftit jimsaħ demgħa li ħarbitlu minn xfar għajnejh. Imbagħad kompla: "Iddispjaċieni mhux għall-flus. Dawk, kif jgħidu, imorru u jiġu. Kieku talbithomli, kont intihomlha. Imma jien tad-demm u l-laħam ukoll u, biex ngħid il-verità, il-kumpanija tagħha kont drajtha. Għamilt f'qalbi u, biex ninsa, bdejt indur għall-ibid. Għall-ewwel, bdejt nixrob, kemm biex inderri u anki biex inkun nista' norqod billejl u t-tentazzjonijiet iħalluni bi kwieti. Fil-bidu, kont nixrob filgħaxija biss, wara x-xogħol imma, ftit ftit, tibda tidrah u tkun tridu f'ħinijiet oħra tal-ġurnata wkoll. Fil-brejk, biex niekol il-biċċa ħobż li nkun ħadt miegħi ix-xogħol, bdejt nippreferi mmur f'ħanut fejn, mal-ikel, stajt nieħu xi tazza jew tnejn inbid. U, meta kienu jibagħtuni xi qadja, mhux l-ewwel darba li kont nieqaf hemm u nieħu oħra għat-triq. Nistħi ngħid imma, fi ftit taż-żmien, spiċċajt li, filgħodu, meta nqum, iktar kont nippreferi l-inbid milli l-kafè.

"Tax-xogħol ma damux ma ndunaw li ma kontx qiegħed sew. Ġieli fallejt mingħajr m'avżajthom jew kont nasal tard b'riħa taqsam ta' xorb. Wissewni kemm-il darba li, jekk kont ser nibqa' sejjer hekk, kien ser ikollhom jitterminawli l-impjieg. Ma tajtx kashom sa ma, fl-aħħar, qabbiżtilhom iċ-ċinga u tawni l-ktieb. Minn hemm 'il quddiem, bdejt sejjer dejjem iktar lura u nittraskura lili nnifsi. Flus biex niekol sura ta' nies ma kienx ikolli u l-ftit li kont niddobba, kont nippreferi nixrobhom; biex ninsa, mingħalija!

Imġewwaħ, kont indur it-toroq biex nara x'nista' nlaqqat. Darba, minn *snack bar*, ħareġ wieħed iġorr borża tal-plastik. "Hemm xi biċċa ħobż għalija, ħabib?" staqsejtu. "Le," qalli mingħajr lanqas biss ħares lejja. "Mhux tajbin dawn ħlief għar-rimi!" u għolla l-għatu ta' skip li kien hemm quddiem il-ħanut u waddab kollox ġo fih. Ħallejtu jitlaq u ftaħt l-għatu tal-iskip. Tiskanta kemm issib affarijiet tajbin meta tkun bil-ġuħ; anki fil-laned taż-żibel!

"Imbagħad, f'daqqa waħda, ġie Sammaritan u qalli: "Armihom dawk! Ejja miegħi!" Dħalna fl-*isnack bar* u poġġejna bilqiegħda. "Kafè jew te?" staqsieni u jien għidtlu: "Li jkun, basta nisħon!" Is-Sammaritan sejjaħ lil wejter, l-istess wieħed li rema' l-borża fl-iskip, u: "Tnejn *English breakfast* u tnejn kafè!" ordnalu. Ħaġa ta' xejn imma, ngħid għalija, kont ili ma nafx kemm ma niekol xi ħaġa tajba daqs dik.

"Meta lestejna mill-ikel, qalli: "Għandi xi ħwejjeġ kont se ntihom għar-refuġjati għax il-qliezet m'għadhomx jiġuni u l-ġlekkijiet ma jinqaflulix. Naħseb li, lilek, jiġuk għax l-istess statura tiegħi għandek imma m'intix oħxon bħali. Tridhom flok narmihom?"

"U, qisu dan ma kienx biżżejjed, fl-aħħar qalli: "Trid taħdem?" U, meta għidtlu iva, tani indirizz u qalli biex, l-għada filgħodu, immur fejn indikali. Niftakar li qalli wkoll: "Kif tidħol, fuq il-lemin, hemm *reception*, idħol hemm u għidilhom li bagħtek is-Sur Gatt!"

F'daqqa waħda, ftakart! "Eh, dak int kont!" għidtlu mistagħġeb.

"Jien, kollni kemm jien!" weġibni.

"Ngħidlek il-verità, kont insejtu dan l-episodju." komplejt ngħidlu.

"Imma jien ma nsejtux!" kienet it-tweġiba ta' dak ir-raġel li kien bilqiegħda ħdejja fil-ħanut.

"Skużani imma m'għaraftekx! Imbdilt daqsxejn int mhux ħażin!" għidtlu.

"Jekk inbdilt," reġa' qalli, "huwa kollu bis-saħħa tiegħek! Int bdiltli ħajti mill-lejl għan-nhar! Int erfajtni minn xagħri! Bis-saħħa tiegħek, erġajt bdejt ngħix mill-ġdid u erġajt bdejt nemmen fil-ħniena tas-Sema wkoll!"

"M'għandekx idea xi pjaċir tripplu għamiltli int dakinhar!" weġibtu jien. "Ibda biex, minħabba li, dik il-ħabta, kont għaddej minn dipressjoni, kont qed inħoss in-nuqqas ta' kumpanija u, inqerr miegħek, kien ta' sodisfazzjon kbir għalija li noqgħod nilgħabha ftit tas-sinjur miegħek. It-tieni nett, dawk il-ħwejjeġ kien ilhom ma nafx kemm-il xahar lesti fil-boroż biex noħodhom il-*bring-in site* u jien kont dejjem nittratieni u int, sa fl-aħħar, ħlistni minnhom. U, it-tielet, dak ix-xogħol kienu ilhom jiffittawni għax rieduni tabilfors li nagħmlu jien; għax kellhom fiduċja fija, qalu, imma jien ma ridtx nagħmlu għax, niżżikhajr 'l Alla, m'għandix bżonn naħdem. U int ħlistni minnhom ukoll għax ma baqgħux jiffittawni iżjed għax qaluli li, sa fl-aħħar, kienu sabu wieħed addattat!"

---

# Toninu fis-sakra

***Novella ta' Anthony Said minn Floriana***



Inkwiet kbir li jkollu kull negozju hu kif jiġbor id-dejn ta' dawk li jixtru bil-kreditu. Għalhekk, sa minn kmieni, is-sur Said il-Kbir rawwem lil ibnu kif għandu jikkontrolla d-dejn tal-klijenti biex ma jħallihx jikber. Jum wieħed, misseru tah lista ta' klijenti biex imur għandhom ħalli jiġbor il-flus għax kienu waqgħu lura. "Taf x'għandek tagħmel Toninu, hux?" qallu missieru.

"Iva, pa. Illum nagħmel nofstanhar indur lil dawk li ilhom ma jħallsu biex niġbor id-dejn." qallu Toni.

"Tajjeb; ara li jħallsuk u, jekk le, ħu dat-timbru u ġegħelhom jiffirmaw fuq il-kopja li ser tieħu miegħek."

Toni ħa l-karozza u telaq biex jagħmel l-għamar ta' missieru. F'nofsinhar, kien diġà ġabar somma sew u kien fadallu biss tliet klijenti. Kien imiss lil Pietru l-Farina li kellu ħanut tal-kaċċa u, miegħu, titotla fejn kienu jiltaqgħu il-klijenti biex jaħlu l-ħin. Toni waqqaf il-karozza ftit 'il bogħod u daħal. Fil-ħanut, kien hemm Pietru u żewġt irġiel jixorbu l-inbid.

"Ara s-sur Said iż-żgħir," qal Pietru b'leħen għoli u fabbli. "Bonġu *sir*! Kemm int smart! Qisek missierek! Imma hawn m'hemmx għalfejn tiġi pulit ta. Hawn mhux il-Belt qegħdin!"

"Ara dak x'inhu llamtat; bil-qmis u bl-ingravata!" qal wieħed minn dawk li kienu jixorbu u li, flimkien ma sieħbu, baqgħu iħarsu lejn Toni, jitbissmu u jiddieħku bih.

"U bil-bagalja wkoll! Kemm jidher miġbud!" qal l-ieħor ixengel rasu.

"Ġejt biex naqtgħu ftit dejn, sur Chircop." qallu Toni hekk kif ħareġ xi karti mill-bagalja.

"Ġejt naqra żmien ħażin sur Said," qallu Pietru b'wiċċ ta' ħniena. "Taf kemm hawn xogħol ħażin bħalissa! Ommi, kemm hawn ġuħ!"

"Imma, int, merkanzija xorta qed tieħu mingħandna," wieġeb fil-pront Toni. "Jiġifieri, qed tmexxi xi ħaġa!"

"Ajma kemm int ħelu!" qallu Pietru. "Ħawn qbadtni, sur! Ara, ħa ntik ġrokk fuq din!"

"Jien ma nixrobx, sur Chircop," qallu Toninu li l-aktar li qatt mess ma' ħalqu kien xi naqra nbid.

"Mela tridx tazza ilma friska?" qallu tal-ħanut. "Ma tgħidx le daqskemm qed tagħmel sħana."

"Hekk orrajt," qal Toni. Pietru ferrgħalu tażża kbira imma Toni ma ndunax li, tal-bar, żerżaqlu grokk ġin magħha u, għaldaqstant, xorob l-ilma f'nifs wieħed għax tassew kellu l-għatx.

"Dan l-ilma għandu togħma stramba," qal Toni li qatt ma kien daq il-ġin u, allura, ma kienx jaf x'togħma fih.

"Dak ilma ta' barra," qallu Pietru, "Trid ftit ieħor? Ħa, ħalli tiffriska iżjed."

Toni ma kienx jaf li kien qed jiġi mqarraq u reġa' xorob l-ilma kollu li tah Pietru. Ix-xorb ma damx ma beda jagħmel tiegħu u Toni beda jħoss rasu tiħfief.

"Mur poġġi hemm ħalli ntik ftit karawett," qallu Pietru kif rah jaqleb għajnejh. "Jekk trid iżjed ilma, intik ukoll."

Toni mar fuq bank u beda jnaqqar il-karawett u dan aktar qabbdu għatx. Pietru nduna u reġa' mlielu t-tazza bl-ilma imma, did-darba, ħallatlu grokk vodka magħha. Pietru għamel sinjal u ż-żewġt irġiel, li ndunaw x'kien qed jagħmel tal-*bar*, marru fejn il-ġuvnott, wieħed fuq kull naħa.

"Int orrajt, sieħbi?" qallu wieħed minnhom hekk kif ra lil Toni b'għajnejh imbexxqin. "M'intix qed tħoss sħana b'dak l-għonq illamtat? Hawn bejn il-ħbieb qiegħed ta; tista' toqgħod *relaxed*!"

Wieħed mill-anzjani neżżagħlu l-ingravata u, ftit sekondi wara, anki l-qmis neħħewlu biex ġabuh bil-flokk taċ-ċingi.



“Hekk aħjar, hux *Mister*?” qallu l-anzjan. “Issa qisek wieħed minna! Ħa nġiblek birra ħalli tkompli magħna.”

Toninu kien ser jipprotesta imma ma setax jiċċaqlaq minn bejn dawk it-tnejn.

“Ser ikolli mmur għax għandi x’nagħmel,” qal Toni li, minkejja li kien f’sakra ġmielha, ftakar li kien għad baqagħlu fejn imur.

“U, issa, oqgħod hawn ħabib; ħallik mix-xogħol!” qallu tal-lemin.

“U mela,” kompla jgħidlu tax-xellug. “Int taf tiżfen ħabib? Jekk tiżfnilna waħda, inħalluk tmur. Tajjeb hekk?”

Bit-taħwid li kellu ġo rasu, Toni aċċetta u Pietru tefa’ diska fuq il-*jukebox*. In-neġuzjant ħareġ għan-nofs u beda jdur u jikkummiedja imma ma damx ma xkana waħda sew għax kellu ż-żarbun bil-qiegħ lixx.

“Jekk tiżfen ħafi aħjar, xbin,” qallu wieħed mill-anzjani. Fi ftit sekondi, Toninu reġa’ beda jiżżegleg imma, did-darba, b’saqajh barra u bil-qalziet imxammar. Bit-tidwir, il-qbiż u ċ-ċaqliq, in-neguzjant beda jistordi u, ħin bla waqt, moħħu ddallam u ntilef f’univers ta’ kuluri u forom strambi. Kemm dam hekk ma jafx imma, f’daqqa waħda, sema’ lil min isejjaħlu. Kien leħen fil-bogħod imma sod u rrabjat. Il-leħen beda joqrob sakemm ħass xi ħaġa taħbat ma’ wiċċu u qam maħsud.

“Qomt fl-aħħar, ja sakranazz!” għajjat missieru, li kien għadu kif lagħblu daqqa ta’ ħarta. Toni sab ruħu *alaxanxe* fuq is-siġġu ġol-uffiċju tiegħu, nofsu mneżża’ u b’saqajh miftuħin qishom il-minutieri tal-arloġġ fl-għaxra u għaxra! Dar u ra lil missieru jħares lejh bl-herra, b’għajnejh imberrqin u jqarmeċ snienu. “Tista tgħidli kif spiċċajt hekk, qisek bidwi?”

In-neguzjant iż-żgħir irrealizza kemm kien qiegħed sew u ma kienx jaf x’ser jaqbad jgħid.

“Mela mmutajt? Għidli, kif spiċċajt qisek buffu?” tenna missieru. Toni qallu x’kien ġara għand Pietru u missieru mill-ewwel induna li tal-ħanut lagħbu waħda sew biex jeħles milli jħallas dejnu.

“Tmellaħ bik b’mod irjali, baħbuħ!” qallu missieru hekk kif fetaħ il-bagalja u sab il-flus li ġabar ibnu. “Anzi rnexxielek titħallas mhux ħażin mingħand l-oħrajn. Għandek il-qmis, l-ingravata u ż-żarbun hemm. Ilbishom, forsi tinġabar ftit!”

Toni libes imma kien għadu ma ġiex kompletament f’tiegħu għax il-ġin u l-vodka baqgħu jduru ġo rasu. Minn dakinhar, beda joqgħod aktar attent għax induna li, biex ma jħallsux id-dejn, ċerti nies jivvintaw minn kollox.



# Żewġ minuti kollox

***F’żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta tliet ċajtiet***

Professur sab ruħu maġenb bidwi fuq ferrovija. Billi kellhom vjaġġ twil, qabdu jitkellmu. Ħin minnhom, biex jgħaddi ż-żmien u, fl-istess ħin, biex juri kemm jaf, il-professur qallu: “Ħa ngħidlek x’nagħmlu. Ejja nilagħbu logħba! Jien nistaqsik mistoqsija u, jekk ma tkunx tafha, inti tini ħames ewro. Imbagħad, staqsini waħda int u, jekk jien ma nkunx nafha, intik mitt ewro. Tajjeb hekk?”
Il-bidwi ħasibha ftit imbagħad qallu: “Tlaqna!”
Il-professur staqsieh: “Kemm hemm bogħod bejn id-dinja u l-qamar?”
Il-bidwi daħħal idejh fil-but, ħareġ karta ta’ ħames ewro u tahielu. Issa, kien imiss lilu jistaqsi. Qallu: “Liema annimal jitla’ l-għolja bi tliet saqajn u jinżilha b’erba’ saqajn?”
Il-professur tfantas. Din ma kienx jafha. Beda jfittex fuq l-*internet* imma ma sab xejn. Kontra qalbu, kellu jdaħħal idejh fil-but, joħroġ żewġ karti ta’ ħamsin ewro l-waħda u jnewwilhom lill-bidwi. Il-bidwi ħa l-flus u, bi tbissima inkejjuża fuq wiċċu, intelaq lura biex jipprova jieħu nagħsa.
Kurjuż għall-aħħar, il-professur ċaqalqu kemxejn u qallu: “*Okay*! Liema annimal jagħmel hekk?”
Il-bidwi, bil-kwiet kollu, ħareġ ħames ewro mill-but, tahom lill-professur u reġa’ għalaq għajnejh.

---

Wieħed bidwi kien għaddej minn quddiem *casino* u waqaf iħares ’il ġewwa. Tal-bieb, meta rah liebes kif kien liebes, tmeżmeż u, speċi bil-pulit, qallu: “Hawn bil-flus tidħol, ħabib.”
“Naf,” wieġbu pront pront il-bidwi; “tidħol bil-flus u toħroġ b’xejn!”

---

Żewġ patrijiet rekbin mutur waqqafhom *warden* għax kienu qed isuqu bi *speed* eċċessiv. Meta nduna li kienu patrijiet, il-warden qalilhom: “Ma tarawx li tistgħu tweġġgħu kif qed issuqu?”
U l-patri li kien qed isuq qallu bi tbissima anġelika fuq wiċċu: “Aħna għandna lill-Mulej magħna!”
“Mela se jkolli nagħmlilkom ċitazzjoni oħra,” tmasħan il-*warden*; “talli qegħdin tlieta fuq mutur!”



# TISLIBA Nru.120

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Mexxej Tork li ġie maqtul fil-ponta ta' Tigne (6)
5. Il-pajjiż tat-tulipani (6)
10. Isem ta' xmara Afrikana (3)
12. Zappap (5)
14. Ksuħat; Daħka (5)
15. Is-..... fl-ajru qiegħed (4)
16. Nofs il-papà tiegħi xorta baqà missieri (2)
17. Ħut għall-ftajjar (5)
19. Iżjed ta' ġid jew fejda; Itjeb (5)
22. Mdeffes bi ħsieb ħażin f'moħħ xi ħadd (8)
24. Nofs l-arazza u tpaxxa biha! (3)
25. Li hu tal-aħħar (6)
28. Raġa' marad; Nxeħet (5)
31. Imxaħħam (5)
33. Wieħed li ħa l-awrja (7)
35. Din tirċievha bil-posta (5)
37. Anno Domini (1.1.)
38. Magħmul; Realizzat (6)
39. Mitraħ (5)

**Weqfin:**
2. Kull... għandha l-paljazza (5)
3. Ħadida miljwija mit-tarf biex taqbad xi ħaġa (4)
4. Dawn imweldin l-Italja (7)
6. Isem ta' min jgħidulu n-nies (5)
7. Li jħobb bi ħrara (6)
8. Tgezzez (6)
9. Dawn bla xagħar (6)
11. International Air Precept (1.1.1.)
13. Xitla salvaġġa li tħassar l-uċuħ tar-raba (7)
18. Wieħed mis-sebà sagramenti (4)
20. Wieħed li jżomm lil xi ħadd bħala skjav (7)
21. Id-Dinja; Pajjiż; Kontinent (3)
23. Regolarità (9)
26. Skjavitù (6)
27. Maqdes fejn l-Indjani jqimu l-Alla tagħhom (6)
29. Ħsiebu hemm (6)
30. Isem ta' ex-Ministru u President ta' Malta (6)
32. Lokalità (3)
34. Werqa u aktar (5)
36. Ġurdien iswed Ingliż! (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 119 intrebaħ mis-Sinjura R. Scicluna, Cospicua, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 119

**Mimdudin:** 1. mħabba, 5. abbozz, 10. rai, 12. ħrafa, 14. iblah, 15. ħmar, 16. ci, 17. armel, 19. ħtija, 22. abitanti, 24. dud, 25. simili, 28. ġlata, 31. orlan, 33. arresta, 35. uqija, 37.et, 38. amment u 39. żifna.
**Weqfin:** 2. ħemda, 3. buri, 4. alilina, 6. btala, 7. zokklu, 8. saħħaħ, 9. aħħari, 11. abċ, 13. ammetta, 18. dadi, 20. iddilju, 21. jum, 23. aġġornati, 26. ingrat, 27. rbatta, 29. alaska, 30. bormla, 32 noi, 34. spjun, u 36. jet.



# Żbalji postali

***Tagħrif miġbur minn Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex***

**Difetti fl-ittri!**







Issa ilni qatiegħ nurikom bolli li ħarġu bi żbalji minn pajjiżi madwar id-dinja kollha. Nistħajjilkom tgħiduli: Allura, bolli ta' Malta qatt ma ħarġu b'xi żball? U mela le? Mel' aħna speċjail? L-isem tal-Kottonera ġej mill-kunjom ta' żewġ Granmastri: l-aħwa Spanjoli, Rafel u Nikola Cotoner, li mexxew lil Malta fis-seklu sbatax. Għad fadlilna ħafna x'ifakkarna fihom, inkluż il-monument funerarju fil-Katidral ta' San Ġwann li deher f'waħda mill-bolli definittivi ta' Malta tal-1956. Kif tistgħu taraw, il-kunjom tal-Granmastru huwa spellut b'żewġ ittri 't' minflok b'waħda, kif suppost.

Nagħmluha ċara, ħarġu bolli oħrajn Maltin li għandhom il-kunjom Cotoner miktub korrett!




Nittawwal issa sal-kontinent Afrikan. Il-Malawi (li qabel kienet il-kolonja Ingliża tan-Nyasaland) taħt isem żbaljat lill-artist Taljan Alesso jew Alessio Baldovinetti għax, fuq bolla tal-Milied tal-1988, ġabitu Apenio. Din il-Madonna bil-Bambin ta', bejn wieħed u ieħor, l-1460, insibuha fil-Louvre ta' Pariġi.




Kif nafu, l-għasafar (u speċi oħrajn) jingħatawlhom żewġ ismijiet, wieħed xjentifiku li, normalment, ikun bil-Latin, u ieħor bl-ilsien tal-post. Iż-Żambja (li qabel kienet Northern Rhodesia) tiftaħar ġmielha bil-varjetà ta' dawn il-ħlejjaq li hija mogħnija bihom għax, matul is-snin, uriet għadd kbir minn dawn it-tjur. Fl-1987, insibu iċ-*Cisticola dambo* li, jidhirli li hija tradotta ħażin għax, bl-Ingliż tissejjaħ *cloud-scraping cisticola*, jiġifieri, li tigref is-sħab; isem tassew poetiku, u mhux kif murija fuq din il-bolla !

In-nies tall-**Kosta tal-Avorju** jippreferu jirreferu għalihom infushom bl-ilsien Franċiż: Côte d'Ivoire, minflok Ivory Coast. Ovvja, għax kienu kolonja Franċiża. Bolla li ħarġet mill-Côte d'Ivoire fl-1974 biex tikkommemora l-Jum Dinji tal-Filatelija turi l-posta fi Grand-Lahou imma d-disinjatur (il-famuż Pierre Béquet) ħaseb li din kienet Dabou. Fortunatament, intebħu fil-waqt u ġegħluh jikkorreġi l-isem (eżatt fuq il-valur) billi jonqxu mill-ġdid!




Nirritorna lura lejn l-Ewropa u nagħlaq b'difett iktar gravi f'bolla tal-**Kroazja**. Fl-2015, riedu jfakkru lill-kompożitur Luka Sorkočević imma ntgħażlet xbiha li, fil-fatt, turi lill-President Amerikan Thomas Jefferson (minn pittura ta' Rembrandt Peale). Malli ndunaw, ippruvaw isibu stampa korretta imma ma rnexxilhomx għax donnu li ma teżistix waħda li jafu biha. Ninnota li dan l-iżball tfaċċa f'publikazzjonijiet oħrajn ukoll. Allura, solvewha billi ġiebu ismu bit-Taljan (Luca Antonio di Sorgo) peress li qegħdin nitkellmu minn perijodu ferm qabel ma tfaċċat il-Kroazja. Inżid tagħrif mhux strettament filatelika: belt twelidu, Ragusa, illum nafuha bħala Dubrovnik.





# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*

**Henri de Toulouse-Lautrec 1864 – 1901**

Henri de Toulouse-Lautrec kien karikaturist u illustratur Post-Impressjonista kif ukoll pittur tal-*art nouveau*. Twieled minn familja nobbli fl-24 ta' Novembru 1864 u, kieku għex aktar minn missieru, kien isir Konti warajh. Ta' tlettax-il sena, Henri kiser saqajh il-leminija u, ta' erbgħatax-il sena, kiser tax-xellug ukoll. Il-ksur qatt ma fieq sew u, minħabba kundizzjoni medika mhux magħrufa dak iż-żmien, riġlejh ma komplewx jiżviluppaw bħall-kumplament ta' ġismu. Allura spiċċa biex, meta kiber, ġismu mill-qagħdt 'il fuq kellu statura ta' raġel imma, mill-qagħdt 'l isfel, kellu saqajn ta' tifel adoloxxenti. Minħabba f'hekk, billi ma setax jieħu sehem fil-logħob mat-tfal tal-età tiegħu, iċ-ċkejken Henri intefa' jpinġi u spiċċa biex sar pittur prominenti wkoll.



Minħabba d-difett fiżiku tiegħu, Toulouse-Lautrec taha wkoll għax-xorb bla rażan. Kien jimxi bl-għajnuna ta' bastun li hu kien ħaffer minn ġewwa apposta ħalli jkun jista' jimlieh bix-xorb biex jiżgura li qatt ma jinqabad mingħajr l-alkoħol.

Minbarra l-alkoħoliżmu, Toulouse-Lautrec kien jiffrekwenta l-briedel u l-prostituti. Lautrec kien affaxxinat b'dak l-istil ta' ħajja. Dawn it-tfajliet kienu jispirawh u, ħafna drabi, il-prostituti kienu l-mudelli għat-tpinġijiet tiegħu.



Fl-1885, Toulouse-Lautrec iltaqa' ma' Suzanne Valadon. Huwa għamel għadd ta' *portraits* tagħha u kien anki jappoġġja l-ambizzjoni tagħha li hi ssir artista wkoll. Jingħad li kellhom relazzjoni bejniethom. Hi riedet anki tiżżewġu u, meta r-relazzjoni ta' bejniethom ġiet fi tmiemha, Suzanne għamlet attentat ta' suwiċidju fl-1888.

Meta fetaħ il-famuż *Moulin Rouge* fl-1889, Toulouse-Lautrec kien ikkommissjonat jagħmel serje ta' *posters*. Artisti oħrajn kienu jitmeżmżu minn xogħol bħal dan imma Lautrec ma kienx jagħti kashom. Il-*Moulin Rouge* kienu jirriservawlu post għall-*cabaret* u kienu anki jesebixxu l-kwadri tiegħu. Waħda mit-tfajliet li Toulouse-Lautrec iltaqa' magħha fil-*Moulin Rouge* kienet Louise Weber li ħolqot iż-żifna notorja Franċiża tal-*can-can*.




Fl-1890, Toulouse-Lautrec sfida lill-pittur Henri de Groux għal dwell talli dan kien ikkritika x-xogħol ta' Vincent van Gogh. Artist ieħor Paul Signac, ukoll iddikjara li hu kien lest ikompli jiġġieled għall-unur ta' van Gogh anki jekk Lautrec jitlef ħajtu fid-dwell. Din il-problema kienet riżolta meta de Groux għamel apoloġija, ħalla l-grupp bi kwiethom u d-dwell baqa' ma seħħx.




Meta kien Londra, Toulouse-Lautrec iltaqa' u sar ħabib mal-poeta u drammaturgu ċelebri Irlandiz, Oscar Wilde u, meta dan tal-aħħar kien mitfugħ il-ħabs fuq xi ħaġa li, illum, inqisuha bħala dritt ċivili, Lautrec kien voċiferu ħafna meta tkellem favur tiegħu u anki pinġa żewġ *portraits* tiegħu fl-istess sena meta Oscar Wilde kien għaddej ġuri.

Henri deToulouse-Lautrec miet qasir il-għomor kawża tal-alkoħoliżmu u mard venerjali fid-9 ta' Settembru 1901 meta kien għad kellu biss sitta u tletin sena.